

Diċembru 2003 • Vol 11 • Nru.1

# IL-PULIZIJA

xogħolna u ħajjitna fil-Korp

**Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija**

**Il-Pulizija u l-Ġustizzja Kriminali**

**Tfal** - kustodja w aċċess

**Id-Dipartiment tal-Investigazzjoni Kriminali**

PULIZIJA TA' MALTA

DOMINE DIRIGE NOS

# A TRULY GREAT FAMILY




























KIA is the Car that Cares. It Cares in its world class, award winning safety standards. It Cares in its refined designs, cool and comfortable interiors as well as stylish looks. It Cares in its choice of reliable, trouble free engines. Whatever your planned investment, private or business, KIA presents you with a stunning portfolio that is set to keep you astonished time and time again.

> Our Latest Models

| | |
|---|---|
| (1) Magentis | (5) Sorento |
| (2) Shuma | (6) Carens |
| (3) Mentor | (7) Sedona |
| (4) Rio | (8) Pregio |

KIA The Car that Cares

EASYSELL-KIA (Malta) Limited
Mdina Road, Qormi - QRM.08, Malta.
Tel: (+356) 21 466458/9 or 21 497607/8/9
Fax: (+356) 21 466285
www.tumas.com/kia

TUMAS GROUP

IL-PULIZIJA
Diċembru 2003





Awguri ta Mieled ħieni u s-Sena t-tajba lill-Korp tal-Pulizija kollhu mill-Onorevoli Ministri Dr.Tonio Borg u l-Kummissarju John Rizzo.

MALTA POLICE ASSOCIATION
Move forward 05

I believe that a good percentage of our members perform their duty in a diligent and impeccable manner.




Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fil-Kodiċi Ċivili.




M'hemmx dubbju dwar l-importanza tal-Pulizija! Fit-teorija, is-sikurezza u l-liberta` taċ-ċittandini tiddependi mil-liġijiet li jiġu mgħoddija u mill-Kostituzzjoni tal-pajjiż.




63 Branka. Dan huwa n-nukleu li jifforma l-Korp tal-Pulizija ta' Malta, li kuljum u flimkien jikkumbattu biex iżommu l-paċi u l-ordni pubblika u jkunu ta' servizz għaċ-ċittadin.




Il-fakulta` tal-Korp illum hija waħda unika fis-sens li għandek *spectrum* var-jat immens ta' kapacita'.


Membri tal-Bord Editorjali:
**President:** Insp. David Saliba
**Editriċi:** WPC 93 Carol Fabri
**Membri:** Insp Kenneth Haber
PS 772 Dennis Agius
WPC 255 Roberta Fenech
PC 1155 Chris Mangion

**il-Pulizija** tirringrazzja lid-ditti w aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom u nheġġu lill-qarrejja biex jagħmlu użu minnu. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur "il-Pulizija" C.M.R.U.Police Headquarters
Floriana CMR 02

Il-materjal li jiġi ppubblikat f'dan il-magażin mhux bilfors jirrifletti l-opinjoni tal-Bord Editorjali.



Ritratt tal-faċċata meħud minn PS516 Alfio Borg

© C.M.R.U. Police Headquarters, Diċembru, 2003

## Editorjal

Merħba. Fiż-żmien qasir li dan il-Bord Editorjali l-ġdid ilu jiffunzjona, kellna ċ-ċans niltaqgħu ma' bosta mill-aspetti marbutin max-xogħol tagħna l-Pulizija.

Hija l-intenzjoni tal-Bord Editorjali li x-xogħol siewi u tajjeb li sar mill-Bord Editorjali ta' qabel inżommuh u nkomplu nibnu fuqu, biex b'hekk il-Magazine 'Il-Pulizija' jibqa' jtejjeb il-kwalita' tiegħu. Dan nistgħu nagħmluh bl-aħjar mod bil-kollaborazzjoni, bl-għajnuna u l-pariri ta' kulħadd. Xi drabi smajna li xi materjal stampat fil-Magazine 'Il-Pulizija' seta' ma laħaqx il-livell mixtieq u li għalhekk forsi qed jinħlew rizorsi meta dawn jistgħu jiġu utilizati x'imkien ieħor. Għalhekk qed nistednukom sabiex tkunu parti integrali mill-inizjattivi ġodda li ser jadatta l-Bord Editorjali mill-ħarġiet li jmiss tal-Magazine 'Il-Pulizija'.

Sfortunatament mhux kulħadd jappreza x-xogħol siewi li nagħmlu l-Pulizija inġenerali waqt il-qagħdi ta' dmirijietna u forsi f'għajnejn il-pubbliku jidhru biss l-affarijiet negattivi. Waħda mix-xewqat tal-Bord Editorjali l-ġdid huwa li dan il-magazine 'Il-Pulizija' jirrifletti dejjem aktar l-aħjar kwalitajiet li jinsabu fostna. Għandna bosta tajjeb u utli fostna, u dan għandna nxandruh kemm nistgħu.

Qabel nagħlqu dan l-ewwel Editorjal, il-Bord Editorjali, issa li deħlin għal sena oħra ta' ħidma, jawgura li kemm jista' jkun tkun mingħajr inċidenti u li d-deċizjonijiet meħuda jittieħdu bl-akbar għaqal u responsabbilta'. Il-Bord Editorjali jixtieq jawgura wkoll il-Milied u s-Sena t-Tajba lil membri kollha tal-Korp kif ukoll lill-familjari tagħhom, li huma s-sisien wara kull membru.

Wpc93 Carol Fabri
Editriċi



禅
Zen
Sushi & Japanese Cuisine
Zen
... a true Japanese experience!
Portomaso, St. Julians • Tel: 21 386500




RIO
A TRUE BRAZILIAN RESTAURANT
BRAZILIAN RESTAURANT
at PORTOMASO
For reservations Tel: 21 383345



# Awguri ta' Milied Hieni u s-Sena l-Tajba



Is-sena li waslet biex tintemm kienet sena oħra ta' ħidma kontinwa mill-forzi tat-twettieq tal-liġi. Sena li matulha, barra l-ħidma 'ta' kuljum' kellha tliet avvenimenti importanti ħafna fejn kienu involuti attivament il-pulizija, l-elezzjonijiet tal-Kunsilli Lokali, ir-Referendum dwar l-Unjoni Ewropea u l-Elezzjoni Ġenerali, li grazzi għall-impenn tal-forzi ta' l-ordni mxew mingħajr l-iċken inċident.

Din is-sena kellna ukoll għadd ta' wasliet ta' immigranti illegali li, minkejja inqas fin-numru minn tas-sena li għaddiet, xorta użaw riżorsi li setgħu jiġu utilizzati f'attivitajiet anti-kriminali.

U hawn nixtieq, f'isem il-poplu Malti kollu, nirringrazzja lill-membri kollha tal-Korp għall-ħerqa li juru fil-ġlieda kontinwa li jagħmlu kontra l-kriminalita. Anki din is-sena il-pulizija u aġenziji oħra tal-Gvern ħadmu bla heda kontra t-traffikar illegali tad-droga b'ħidma li ħafna drabi kellha suċċess.

Dis-sena wkoll kien hemm diversi emendi f'liġijiet li jolqtu lill-pulizija fosthom il-promulgazzjoni ta` liġi ġdida u moderna dawr il-Korp tal-Puliizja. Emendi li daħlu bla skossi. Emendi oħrajn huma previsti għas-sena d-dieħla.

Kollox ma' kollox wieħed jista jgħid li anki matul din is-sena il-Korp tal-Pulizija wera li huwa korp dixxiplinat li lest li jagħti servizz lill-pubbliku.

F'isem il-Gvern, iċ-ċittadini ta' Malta u f'ismi nawgura l-isbaħ xewqat għal Milied hieni u sena ġdida mimlija risq lill-membri kollha tal-Korp u lill-familji tagħhom.

Tonio Borg
Ministru tal-Gustizzja u l-Intern



Ix-xahar ta' Diċembru huwa wieħed mill-isbaħ xhur tas-sena. Dan mhux qed ngħidu għax jiena Bormliż, għax bħalma tafu nkunu qed niċċelebraw il-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni, imma wkoll peress li huwa x-xahar tal-Milied u l-aħħar xahar tas-sena. Diċembru jġib miegħu ħafna preparazzjonijiet, okkażżjonijiet ta' ferħ u ħsibijiet kif wieħed għandu jferraħ lill-ħaddieħor anqas ixxurtjat minnu. Huwa żmien li jġegħlek taħseb u tirrifletti fuq dak li tkun għaddejt minnu matul is-sena. Huwa żmien fejn tagħlaq il-kontijiet u tagħmel ir-riżoluzzjonijiet għas-sena il-ġdida.

Għalija din is-sena li waslet biex titemm kienet it-tieni sena tiegħi fit-tmexxija tal-Korp. Pruvajt nagħti ħafna, dak kollu li naf u sakemm saħħti ppermettitli. Jekk xi ħaġa marret ħażin, żgur li ma kinitx l-intenzjoni tiegħi. Kien hemm deċiżjonijiet iebsa x'nieħu u dawn ħadthom bl-akbar sens ta' dover u ntegrita' fl-interess tal-Korp, anki jekk mhux dejjem kienu popolari. Pero' dawn id-deċiżjonijiet ħadthom bl-akbar sens ta' dover u integrita' fl-interess tal-Korp u ta' l-istat.

Din is-sena għalina kienet mimlija daqs bajda. Fl-ewwel xhur tas-sena konna npenjati mingħajr nifs fix-xogħol tagħna relatat ma' tliet avvenimenti importanti li għadda minnhom pajjiżna. Bħalma tafu, barra x-xogħol normali tagħna, kellna wkoll nħabbtu wiċċna ma' tliet kampanji elettorali, ta' l-Elezzjoni Ġenerali, ir-Referendum dwar jekk Malta kelliex tissieħeb jew le bħala membru sħiħ fl-Unjoni Ewpropeja, kif ukoll l-Elezzjoni tal-Kunsilli Lokali. Kienu żminijiet inpenjattivi ħafna, pero' grazzi għal kull membru tal-Korp, ħriġna minnhom bl-unuri kollha. Wara li għadda kollox il-Korp irċieva diversi tifħir u ringrazzjamenti minn għand l-għola awtoritajjiet tal-pajjiż u l-Partiti Politiċi għall-mod professjonali, eżemplari, u ddixxiplinat li ġibna ruħna u qdejna d-doveri tagħna matul dawn l-avvenimenti storiċi. Ma rridux ninsew li dan ix-xogħol kollu sar flimkien ma' xogħol ieħor li ġie fuqna mingħajr mistenni inkonessjoni mal-mewġa kbira ta' immigranti klandestini li waslu pajjiżna matul dawn l-aħħar sentejn.

Dan qed infakkru biex nuri l-apprezzament tiegħi tax-xogħol kbir li għamilna lkoll flimkien matul dawn l-aħħar xhur barra x-xogħol normali tagħna taż-żamma ta' l-ordni f'attivitajiet li jkollna ta' rutina bħalma huma l-festi fis-sajf li għadu kif għadda, attivitajiet sportivi u kulturali, responsabilitajiet ta' l-infurzar tal-liġijiet, investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet quddiem il-Qorti, kif ukoll il-protezzjoni tagħna fejn din kienet mitluba. Ma rridux ninsew in-numru kbir ta' persuni dinjitarji li żaru pajjiżna din is-sena fejn aħna nkunu responsabbli mill-protezzjoni u s-sigurta' tagħhom matul il-mawra tagħhom f'pajjiżna.

Matul it-twettieq tad-doveri tagħna kien hemm xi affarijiet li ma marrux kif wieħed ikun mixtieq. Hija xi ħaġa naturali li wieħed jiżbalja aktar u aktar meta x-xogħol ikun kbir kif inhuwa tagħna. Pero' in-nuqqas tagħna jidher ħafna u mhux darba u tnejn konna suġġett għal ċertu kritika bla bżonn. Huwa mportanti li nitgħallmu mill-iżbalji u nifhmu aħjar ir-responsabilita' tagħna. Il-poplu qed iħallas prezz għoli għaż-żamma ta' l-ordni. L-għan tagħna huwa li rrodu din il-fiduċja bl-aħjar servizz possibli li wieħed jista' jagħti.

Xtaqna nagħmlu ħafna aktar, pero' meta tħares lura tgħid kemm għadda malajr iż-żmien. Is-sena d-dieħla nkunu qed niċċelebraw il-190 sena mit-twaqqif tal-Korp. Għad fadal ħafna x'nagħmlu u x'nagħtu flimkien lill-pajjiżna u liċ-ċittadini tagħna.

Nagħlaq billi minn qalbi nawguralkom suċċess fil-karriera tagħkom u nixtieqilkom l-isbaħ xewqat għall-Milied hieni u sena ġdida mimlija saħħa u ġid.

John Rizzo
Kummissarju tal-Pulizija




Exclusive Distributors: Charles Grech & Co. Ltd., Valletta Road, B'Kara • TEL: 21 444 400 • Fax: 21 444 417

# Move Forward



PC 24 Martin Pace
Uffiċju tal-Kummissarju

There is a fine line dividing the two species shown in this sketch according to anthropologists. I am not a scientist myself and honestly the only knowledge I have about the subject is obtained watching TV documentaries, reading newspaper articles and books far way back during my school days. However, I tend to observe all things that happen around me and from first hand experience I tend to agree with the conclusion of the anthropologists.



No, by no means I am saying that the above mammals are similar but we tend to behave like the apes or monkeys shown above. I would like to thank Emmanuel Farrugia for using his talent in art and for delivering the above sketch which was drawn according to my specifications. The picture speaks for itself, but I intend to scribble some few words about the similar attitudes shown by some members in the force and association.

I believe that a good percentage of our members perform their duty in a diligent and impeccable manner. They dress smart and keep themselves and their habitat tidy; a number adjourn themselves to the new technology used in the force; some are always attentive to their environment or surroundings; a considerable number are motivated in their duty to serve our clients and respond rapidly when asked by the elected representatives (local council); most of us when dealing with the public can express themselves in a manner which John Citizen can easily understand; be honest with our colleagues whether of same rank, superior or subaltern; confident in their duty; updated with inner regulations and new legislation; keep their eyes and ears wide open to gather all information which can lead to the success of police investigations. These in short is the essence of a good officer, what he/she needs to perform his/her duty without fear or favour. The picture doesn't show policemen divulging unauthorized information to the public or spreading news or confidential matters to third parties. The sketch showing the zooming of the binocular, earphone and speaker is intended to figuratively refer to that small number of colleagues who need to brush up and wake up from their slackness.

Regretfully a small percentage of the police force tends to imitate the famous three monkeys, they never




## Pick up the kids in style

The Ford Focus is the benchmark for family hatchbacks. It incorporates style, safety, space and best of all, driving dynamics few other cars in this segment have matched. Whether you choose the 4door, 5 door or wagon, you are striking a chord with your family as well as gaining the street-cred you deserve.

The Focus is available in 1.4L petrol, 1.6L petrol as well as 1.8 TDCi. Standard features include: power windows; remote central locking; air-conditioning; driver's airbag; in-car entertainment; engine immobiliser; power steering; height and reach-adjustable steering column; driver's seat height adjust and a fully galvanised body with a 12 year anti-perforation warranty.

Ford**Focus**

Designed for living
Engineered to last

GASAN 75 ANNIVERSARY
**The driving force for generations**

**Gasan Automotive Centre,** Mriehel Bypass, Mriehel BKR 14
Tel: 21442030. Fax: 21442007.
**Gozo Garage**, Victoria. Tel; 21551866.
e-mail: automotive@gasan.com web site: www.gasan.com

know anything, hear nothing, see nothing, definitely say nothing. This is highly irregular if not morally degrading. We suppose to have joined the police force and taken oath before Almighty God and fellow citizens to serve the Republic and act according to law. Knowledge of a crime and or contravention, and not performing one's duty by doing absolutely nothing about it, is a breach of the law in itself and is considered ethically and commonly as rendering one a moral accomplice to that offence.

The members of the association, especially those of us in the Executive Committee are prepared to help and give a hand to our colleagues without favour or distinction, but we are not prepared to serve as an undeserved defense / buffer between them and their shortcomings and the authority.

We have a long journey in front of us. Those of you who are willing to join us in this journey, it's about time to wake up and follow the rest.

Now let me compare what I have said vis-à-vis the police force but this time let me focus on our Association. I can assure all of you that this time the association concept has turned upside down. Our Association is either treated as a taboo or something that is totally ignored. A common question asked by my fellow members is: 'What is the Association doing for its members?' Well I have to admit that this or similar questions were also part of my vocabulary. I might like others have been partially right and partially wrong.

When there is no information whatsoever as to what the association was or is doing or trying to do to upgrade or better defend the interest of police personnel in respect of their employer and for their welfare, one cannot blame anyone for posing this question. Its members were left blind thus our judgment towards the association or better its officials were impaired. When there is no means of communication between its members then it is natural that members either lose interest or adopt a couldn't care less attitude. To some extend I was part of that crowd. Nothing to be proud of. It was not always our fault but circumstances led us to think that nothing could/can be done for police personnel. Well I can assure you that in the limited time of this administration that our association in the context of the legislation, the association, with the zeal of its officials and with the able understanding of our head of department, our predecessors have rolled up their sleeves and tried their best to achieve better conditions of work for all of us. To mention a few issues, the last reorganization of 1993, keeping of reduce hours and new hours for office personnel and tradesman.

Sometimes internal division halted the good work that was being created and brought matters to a stand still. Sometimes the stubbornness of others left matters idle. Let us not point fingers but ask ourselves. 'What have I, as a police officer done to achieve and obtained more favorable conditions due to my lack of participation or interest in the association or at work?' Frankly it's useless to try and answer this question. As of January 1st , 2003 the legislator after several years in the making, has provide us with a legislation incorporating within its several bodies, which if they function to the general expectation, they can be beneficial for one and all. I am not going to preach the Police Act. This chapter of the law should be consider as the Police Bible. If one is proud of one's profession then needless to say the Police Act should be known by heart. It is best to have a copy and read it thoroughly.

So fellow members lets embark on this new journey towards a better environment. Let us be united behind one association and demand reasonable conditions at work. Imitate the above officers both at work and also in respect of workers right. Have courage, take initiative, help yourself and others. Be sure of what you are claiming. If you are unable to speak for yourself ask your representative in the association to help and assist. Let your association know of any difficulties you are encountering during your tour of duty. If in need of assistance relating to medical condition seek the help of the Welfare Committee of the police force. If you are unable to make your submissions or do not know the function of this committee approach one of its members, I am sure they will help you. Participate in events organized by the force and the association. Forward ideas for better working conditions. Always keep in mind that we as an association are made up of several individuals thus there are different situations, ideas and possible solutions. But if we work as one team, one ideal, one approach and with one aim, I am, sure that we will prevail. I have a dream. We have a dream. Let your association be part of your daily existence.

Needless to say to make this important pace in our police history we the association need the full support and commitment of every one of us. The police as workers and as citizens are no exception, we have to do our utmost so that this journey will be successful ♦

*e-mail martin.pace@gov.mt*
*Tel /Fax 365 21232892*



Supt. Dr. Antoine Casha
Prosecution Unit

# Tfal

## kustodja w aċċess

"Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fil-Kodiċi Ċivili."



### Kontravenzjonijiet kontra l-Ordni Pubbliku

Wieħed mir-reati kontravenzjonali li qed tiżdied il-frekwenza tiegħu huwa dak li insibu fl-Artikolu 338 (ll) tal-Kodiċi Kriminali. Dan ir-reat ġie miżjud fl-1993 bl-Att XXI u emendat bl-Att III ta' l-2002.

Xi kultant il-Pulizija tiffaċja problemi fl-applikazzjoni ta' dan l-artikolu – forsi għax xi ftit jew wisq marbut ma' disposizzjonijiet li nsibu fil-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) u l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) dwar d-digrieti u/jew ordnijiet tal-Qorti.

Naħseb li jkun utili li, qabel ma nitkellmu fuq l-aspett penali ta' dan ir-reat, naraw fuq fuq l-aspett ta' natura ċivili.

### L-Aspett Ċivili

Fl-artikolu 3B tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16) insibu li ż-żwieġ jimponi fuq il-miżżewġin l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-ulied li jiġu miż-żwieġ. Dan l-artikolu hu marbut ma' dak li nsibu fl-artikolu 7 ta' l-istess Kodiċi li jgħid li "Il-ġenituri għandhom l-obbligu li jieħdu ħsieb, imantnu, igħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodiċi." Għalhekk jidher ċar li l-obbligu għall-kura u kustodja tat-tfal fiż-żwieġ hu fdat f'idejn ir-raġel u l-mara, b'mod ugwali bejniethom.

Iżda, sfortunatament jiġri li xi kultant iż-żwieġ, għal raġuni jew oħra, ma jibqax dik l-unjoni mixtieqa u għalhekk dan jista' iwassal biex xi waħda jew l-oħra mill-partijiet titlob il-firda personali, jew kif inhi komunament nota bħala s-separazzjoni. Hawn wieħed għandu jgħamel distinzjoni bejn separazzjoni, divorzju w annulament.

Jekk wieħed iqis iż-żwieġ bħala kuntratt bejn żewġ partijiet li daħlu fih volontarjament, l-annulament huwa meta Qorti kompetenti tiddikjara li

dak li deher bħala żwieġ ma kien żwieġ xejn minħabba xi raġuni jew oħra stabbilita fil-liġi dwar iż-żwieġ u għalhekk dak iż-żwieġ jiġi meqjus bħala qatt ma sar. Fid-divorzju, mill-banda l-oħra, il-Qorti tiddikjara li dak iż-żwieġ bejn il-partijiet spiċċa – u fil-fatt ikunu jistgħu jerġgħu jiżżewġu – iżda b'differenza ma' l-annullament, fid-divorzju ma jiġix iddikjarat mill-qorti li l-ewwel żwieġ qatt ma eżista. Tajjeb li ngħidu, li l-liġi Maltija ma tipprovdix biex partijiet jottjenu divorzju, iżda divorzju miġjub minn Qorti barranija jista' jiġi rikkonnexxut f'Malta wara proċedura speċifika u stabbilita` fil-liġi Maltija.

Fis-separazzjoni (firda personali), il-konjugi jibqgħu ikkonsidrati bħala miżżewġin għall-effetti kollha ċivili (għax iż-żwieġ jibqa' jeżisti) u għalhekk ma jistgħux jerġgħu jiżżewġu. Kull ma jinbidel hu, li l-obbligu bejn il-miżżewġin li jgħixu flimkien ma jibqax fis-seħħ. Iżda, bħala regola ġenerali, l-obbligi l-oħra bejn il-miżżewġin, bħal per eżempju l-obbligu tal-manteniment lejn il-parti l-oħra u/jew it-tfal, kif ukoll l-obbligu tal-konjugi li jieħdu ħsieb imantnu, jgħallmu u jedukaw lill-uliedhom, jibqgħu fis-seħħ.

## Separazzjoni

Jekk il-miżżewġin jgħixu separati minn xulxin, mingħajr ma jkun hemm xi kuntratt jew ordni tal-Qorti, ngħidu li huma separati *de facto* – jekk ikun hemm kuntratt jew xi deċiżżjoni tal-Qorti, ngħidu li huma separati *de jure* (skond il-liġi). Hemm żewġ tipi ta' separazzjonji personali skond il-liġi Maltija:-

a.) dik li tingħata b'sentenza minn Qorti kompetenti wara proċeduri kontenzjużi; jew

b.) dik li komunament tissejjaħ separazzjoni bonarja, jiġifieri meta ż-żewġ partijiet jaqblu u jagħtu l-kunsens tagħhom b'att pubbliku għas-separazzjoni. Iżda, separazzjoni bonarja xorta trid 'il-barka' tal-Qorti – is-Sekond Awla - biex tkun valida skond il-liġi.

Tajjeb li wieħed jinnota li biex tibda kawża ta' separazzjoni, il-konjugi jridu l-awtorizzazzjoni tas-Sekond Awla. Din il-Qorti tipprova, sa fejn hu umanament possibli, iġġib ir-rikonċiljazzjoni tal-partijiet. Jekk dan ma jkunx possibli, il-Qorti tagħti l-awtorizzazzjoni tagħha sabiex il-kawża tinstema quddiem qorti kontenzjuża, u ċioe` il-Prim Awla tal-Qorti Ċivili.

Sadanintant, il-Qorti (fis-Sekond Awla) tagħti digriet magħruf bħala *pendente lite.* Dan id-digriet jew ordni tal-Qorti normalment jirregola b'mod temporanju l-obbligi bejn il-miżżewġin sakemm il-kawża tiġi deċiża b'mod definittiv. Għalhekk, f' digriet *pendente lite* wieħed jsib dispożiżżjonijiet bħal (a) min għandu jibqa' jgħix fid-dar matrimonjali, (b) l-ammont ta' manteniment u (c) il-kura u kustodja tat-tfal jekk ikun il-każ. Dan id-digriet jibqa' validu sakemm ma jigux espressament revokati jew altrimenti mibdula jew mill-istess Sekond Awla jew mill-Prim Awla.

Tajjeb li wieħed jara x'qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali dwar il-validita` ta' digriet *pendente lite* f'kawżi għas-separazzjoni personali għal finijiet ta' proċeduri penali. Għalkemm il-każ hawn taħt indikat kien jikkonċerna kwistjoni ta' reat taħt l-artikolu 338 (z) Kap 9 (manteniment), l-insenjament ta' din id-deċiżjoni hu ugwalment validu għal dak li hemm maħsub fl-artikolu 338 (ll), Kap 9 (aċċess għat-tfal):-

*L-artikolu 553 tal-Kap.12 (Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċeduri Ċivili), li jipprefiġġi terminu ta' sitt xhur .... għall-validita` ta' digriet ta' awtorizzazzjoni jew permess tas-Sekond Awla, japplika biss għall-każijiet ta' awtorizzazzjoni jew permess għal xi konvenżjoni jew rinunzja, u mhux ukoll għal digriet sabiex wieħed jipproċedi fil-kontenzjuż għas-separazzjoni personali.*

*F'digriet bħal dan jista' jkun hemm, kif ġa ingħad, ordni għall-ħlas ta' manteniment* ***kif ukoll ordni għall-kura u għall-kustodja tat-tfal u għall-aċċess għalihom għal dik il-parti li ma tkunx ġiet hekk fdata bil-kura u l-kustodja*** *(emfasi ta' l-awtur). Isegwi, għalhekk, li l-fatt li jkunu ddekorrew is-sitt xhur ma jfissirx li dak id-digiret u dawk l-ordnijiet awtomatikament jiskadu. Salv l-effetti ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet, dawk l-ordnijiet jibqgħu validi sakemm ma jiġux espressament revokati jew altrimenti mibdula jew mill-Istess Sekond Awla jew mill-Prim Awla.*(Il-Pulizija vs Lawrence Cilia – 10/3/1995 per De Gaetano V., J.)

Min-naħa l-oħra, f'każ ta' separazzjoni bonarja, għidna li din issir bil-kunsens tat-tnejn, b'att pubbliku. Att pubbliku neċessarjament jirrikjedi li dan il-ftehim bejn il-miżżewġin jkun ippubblikat min-nutar pubbliku u wara li dan l-att pubbliku jkun ippreparat min-nutar, dan il-ftehim irid jiġi "approvat" mill-Qorti (Sekond Awla) u insinwat fir-Reġistru Pubbliku.

## L-Azzjoni Penali

Huwa ħati ta' kontravenzjoni kontra l-ordni pubbliku, kull min:-

*meta ordnat jew ordnata mill-qorti jew kif marbut jew marbuta bil-kuntratt biex jagħti jew tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tiegħu jew tagħha, jirrifjuta jew tirrifjuta li jagħmel jew tagħmel hekk mingħajr raġuni xierqa* (Art. 338 (ll), Kap. 9).

Bħal kull reat ieħor, il-prosekuzzjoni trid tipprova kull element tar-reat li bih persuna tkun qed tiġi akkużata bih. Għalhekk, tajjeb li niflu dan ir-reat fl-elementi materjali tiegħu, u ċioe`

1.) Ordni ta' Qorti li tagħti l-kustodja lil xi waħda mill-partijiet u aċċess lil parti l-oħra; jew

2.) Kuntratt bejn il-partijiet li fih hemm provdut dwar il-kustodja u aċċess; u

3.) Ir-rifjut, mingħajr raġuni xierqa, ta' dik il-parti li għandha l-kustodja ta' tfal skond dik l-Ordni tal-Qorti jew il-kuntratt, lil parti l-oħra.

**1. Ordni ta' Qorti**

Hawn, "ordni ta' Qorti" dwar kustodja u aċċess għall-ulied, kif rajna aktar 'il fuq, tista' tkun ordni jew tas-Sekond Awla tal-Qorti Ċivili (*pendente lite*), tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili jew, f'każ ta' appell jekk ikun il-każ, tal-Qorti ta' l-Appell Ċivili. Dan jiddependi f'liema stadju jkunu waslu l-proċeduri għas-separazzjoni personali. Id-digrieti *pendente lite* jibqgħu validi sakemm ma jiġux espressament revokati jew altrimenti mibdula jew mill-istess Sekond Awla jew mill-Prim Awla.

Fil-każ *Il-Pulizija vs C.T.R.* (Qorti ta' l-Appell Kriminali (Q.A.K.) 25/7/1994, per De Gaetano V., J.) qam punt li d-digriet tas-Sekond Awla ma kienx "ordni tal-Qorti" għal finijiet ta' dan ir-reat. Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali ma qablitx:

*Biex provvediment jammonta għal "ordni" ta' qorti ma hemmx għalfejn li dak l-istess provvediment ikun preċedut bil-verb "tordna". Meta Qorti tipprovdi dwar il-kustodja tat-tfal u tagħti d-dritt lil xi parti jew oħra għal aċċess għal dawk it-tfal, dak id-dritt u l-obbligu korrispondenti ta' min ikollu l-kustodja tat-tfal li jagħti aċċess ("to allow access", fit-test Ingliż) lil parti l-oħra, isibu l-oriġini tagħhom f'dak il-provvediment li huwa, minn natura tiegħu, ordni ta' dik il-Qorti.*

In-non osservanza tal-ordinijiet tal-qrati ċivili in materja ta' ħlas ta' manteniment u aċċess għal ulied tammonta in realta` mhux tant għal sfida lejn dik il-parti li jkollha dritt tirċievi dak il-manteniment jew li jkollha dritt ta' aċċess, daqs kemm għal sfida lejn l-awtorita` tal-qorti li tkun tat l-ordni relattiv. (Il-Pulizija vs Victor Tabone, Q.A.K. 16/1/2001, per De Gaetano V., J.)

Żvillup importanti seħħ fil-każ *Il-Pulizija vs Etienne Mizzi* (4/4/2003, Q.A.K. per De Gaetano V., C.J.):

*... ma jfissirx li kull nuqqas ta' osservanza ta' xi parti minn digriet ta' qorti kompetenti li jkun akkorda l-aċċess jammonta neċessarjament għal reat. Il-paragrafu (II) in diżamina ma jitkellimx dwar in-nuqqas ta' osservanza ta' xi kundizzjoni f'digriet ta' aċċess; dak li hu penalizzat b'din id-disposizzjoni huwa biss in-nuqqas, mingħajr raġuni xierqa, li wieħed jagħti aċċess meta, fost sitwazzjonijiet oħra, jkun ġie ordnat li jagħti dak l-aċċess.*

*Il-Qorti ma teskludix il-possibilita` li digriet ta' aċċess ikun redatt f'termini li jkun jordna liż-żewġ ġenituri li jagħtu reċiprokament lil xulxin aċċess (bħal, per eżempju, jekk ikun hemm "joint custody" tal-minuri); iżda fil-każ* de quo *id-digriet tas-Sekond Awla tal-Qorti Ċivil .... Ma jistgħax ħlief jiġi interpretat li kienet Borg (li kellha l-kustodja) li kienet qed tiġi ordnata li tagħti aċċess lil Etienne Mizzi.*

*Għalhekk ma jistax jingħad li b'dak li għamel l-appellant, ħażin kemm huwa ħażin minn diversi aspetti inkluż mill-aspett ċivili, huwa kiser id-disposizzjoni tal-Artikolu 338(II) tal-Kodiċi Kriminali.*

Għalhekk, huwa mportanti li l-prosekuttur qabel ma joħroġ xi akkuża taħt dan l-Artikolu, jivverifika l-kontenut tad-digriet relattiv u jaċċerta ruħu lil min mill-ġenituri l-Qorti tkun qed tagħti l-kura u kustodja - jekk mhux lil xi waħda mill-partijiet jew lit-tnejn.

**2. Kuntratt bejn il-Partijiet**

B'emenda mdaħħla bl-Att III ta' l-2002 li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2002 il-leġislatur daħħal sanzjoni li tippunixxi dik il-parti li tkun naqset li tagħti aċċess lil wild taħt il-kustodja tagħha jew tiegħu meta kienet jew kien hekk marbut/a b'kuntratt.

Il-kuntratt imsemmi hawn mhux xi kuntratt kwalunkwe. Sewwa jingħad li mhux biss irid ikun hemm kunsens tat-tnejn (il-miżżewġin), iżda dan irid ikun kuntratt permezz ta' att pubbliku. Kif semmejna aktar 'il fuq, dan il-kuntratt neċessarjament jeħtieġ l-awtorizazzjoni tal-Qorti (Sekond Awla). Sakemm kont qed nipprepara dawn il-kelmtejn ma sibtx deċiżjonijiet tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali dwar l-elementi neċessarji għall-validita` ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja jew kunsenswali għall-finijiet ta' dan l-artikolu 338 (II). Iżda l-validita` ta' dan il-kuntratt ċertament qiegħda bbażata fuq il-fatt li l-kuntratt irid ikun b'att pubbliku.

**3. Ir-rifjut, mingħajr raġuni xierqa**

Nistgħu ngħidu li huwa l-aktar element materjali ta' dan ir-reat li wieħed isib ġurisprudenza fuqu. Mill-ewwel wieħed irid jiċċara il-punt li mhux kull rifjut ta' xi wieħed mill-ġenitur neċessarjament twassal għal sejbien ta' ħtija taħt dan l-artikolu. Dan ir-rifjut da parti ta' xi wieħed mill-ġenitur irid ikun wieħed mingħajr raġuni xierqa.

F'wieħed mill-ewwel każijiet li ġew quddiem il-Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li daħal fis-seħħ dan l-artikolu fl-1993, kien il-każ *Il-Pulizija vs C. T. R.* (25/7/1994, per De Gaetano V., J.). Dan kien każ fejn l-akkużata allegat li l-biża tagħha minħabba l-istat mentali ta' żewġha li seta' jikkaġuna dannu lill-minuri kienet tammonta għal raġuni xierqa. Il-Qorti eżaminat x'inhi "just cause" fejn ikkowtat minn każ Kanadiż:

*"Just cause" does not mean the same as "proper cause"; "proper"*

*meaning only "fit, apt, suitable," whereas "just" has a wider meaning involving equitable considerations".*

*Għalhekk biex tara jekk kienx hemm raġuni xierqa, u speċjalment fil-kamp penali, il-Qorti trid twieżen l-interessi kollha, inkluż l-interess li l-ordnijiet tal-Qorti jiġu obduti u mhux injorati fuq kwalsiasi pretest......*

*Kwantu għall-biża li l-appellanti seta kellha minħabba l-allegat mard mentali ta' żewġha, din il-Qorti tosserva li għalkemm l-appellanti kellha l-opportunita` kollha li tivventila dina l-biża tagħha fl-udjenza quddiem is-Sekond Awla, u meta kellha assistenza legali, dana ma jidhirx li għamlitu.....*

*Il-Qorti ma tiddubitax li kemm l-appellanti kif ukoll l-avukat tagħha kienu motivata minn intenzjonijiet tajba, pero` l-intenzjonijiet piji waħedhom ma jistgħux jeżimu mir-responsabbilta` penali speċjalment meta hawnhekk si tratta ta' kontravvenzjoni.*

Il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-każ *Il-Pulizija vs Joseph Ebejer* (19/12/1996, per De Gaetano V., J.) kompliet tispjega fuq dan l-element ta' "raġuni xierqa":-

*F'każijiet li wieħed iwaqqaf l-aċċess għat-tfal, biex ikun jista' jinvoka r-"raġuni xierqa" li teżenta lil dak li jkun mir-responsabbilita` kriminali jrid jirriżulta li hu jkun, fiċ-ċirkostanzi, aġixxa raġonevolment. L-espressjoni "raġuni xierqa" hi sinonima f'dan il-kuntest għal "raġuni tajba", li tista' tiġi tradotta bħala "reasonable cause".*

*Każijiet ovvji ta' "raġuni xierqa" jew "raġuni tajba" huma meta t-tifel jew tifla jkun marid jew marida b'mod li l-ħruġ barra mid-dar jista' jkun ta' detriment għalih jew għaliha. Wieħed jista' jimmaġina ħafna sitwazzjonijiet oħra fejn l-aċċess ma jingħatax; u f'dawn il-każijiet biex wieħed ikun eżenti mir-responsabbilita` kriminali, irid ikun hemm risposta fl-affermattiv għall-mistoqsija: "Min kellu jagħti l-aċċess u ma taħx aġixxa b'mod raġonevoli fiċ-ċirkostanzi ta l-każ?"*

*Wieħed irid iżomm f'moħħu li hawn qedgħin fil-kamp ta' l-ordni pubbliku u għalhekk bħala regola l-ordnijiet tal-Qorti għandhom jiġu skrupolosament osservati u hu biss meta jkun hemm raġuni xierqa fis-sens hawn aktar 'il fuq imfisser li wieħed jista' jkun ġustifikat li ma jobdix dawk l-ordnijiet.*

Meta f'każ minnhom l-appellanti allegat illi t-tfal ma ridux imorru ma' missierhom, u hi ma għamlet xejn sabiex tikkonvinċihom li jmorru, il-Qorti qalet li dik ma kinitx raġuni serja jew xierqa li taqa' taħt dan l-artikolu, "*Tali raġuni bħal dik imressqa mill-appellanti hija biss raġuni konvenjenti u komunement mogħtija li, jekk tiġi aċċettatha bħala raġuni xierqa, ċertament toħloq preċedent preikoluż li żgur ikun jista' jagħti lok għal triq ta' kif xi ħadd jista' faċilment u abbużivament jeħles mir-responsabbilita` impoġġija fuq jew fuqha b'xi ordni bħal dik odjerna.*" (Il-Pulizija vs Rose Carbonaro, 26/5/2000, Q.A.K. per De Gaetano V., J.; ara ukoll Il-Pulizija vs Oliver Micallef, 14/2/2001, Q.A.K. per Vella P., J. Il-Pulizija vs Jacqueline Zammit, 15/2/2003, Q.A.K., per Galea Debono J., J. Il-Pulizija vs Joanna Alison Beirne, 14/8/2003, Q.A.K., per De Gaetano V., C.J.).

Wieħed tajjeb jiċċara l-użu tal-kelma "aċċess". Il-kelma "aċċess" kif użata fl-Artikolu 338(ll) tal-Kodiċi Kriminali, u kif normalment użata mill-qrati ċivili in materja ta' aċċess għall-ulied minn parti meta l-kura u l-kustodja tagħhom tkun ġiet fdata f'idejn parti oħra, tfisser aktar milli sempliċement li wieħed jara lit-tifel jew tifla. Normalment, u ċioe` sakemm ma jiġix indikat mod ieħor fl-ordni tal-qorti, id-dritt ta' aċċess jinkludi li wieħed jieħu t-tifel jew tifla miegħu għal matul il-ħin jew perjodu ta' dak l-aċċess (Il-Pulizija vs Denise Borg, 28/4/1995, Q.A.K. per De Gaetano V., J.).

**Konklużżjoni**

Għalhekk huwa importanti illi qabel ma wieħed jasal biex joħroġ akkuża kontra xi ħadd bażat fuq l-artikolu 338(ll), jara u jifhem sew id-digriet tal-Qorti jew il-kuntratt bejn il-partijiet fejn jirregolaw il-kura u/jew il-kustodja tat-tfal bejn il-partijiet.

Irrid inżid illi dan hu reat kontravvenzjonali, u għaldaqstant il-preskrizzjoni għal dan ir-reat hi tliet xhur. Aktar minn hekk, il-kwerela tal-parti <u>mhix</u> meħtieġa sabiex il-Pulizija tmexxi l-azzjoni kriminali (quddiem il-qorti) – dan hu reat *ex officio.*♦

**Referenzi:**


*Qorti ta' l-Appell Kriminali*

Il-Pulizija vs C.T.R. - 25/7/1994, per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Lawrence Cilia – 10/3/1995 per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Denise Borg - 28/4/1995, per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Joseph Ebejer - 19/12/1996, per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Rose Carbonaro - 26/5/2000, per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Victor Tabone - 16/1/2001, per De Gaetano V., J.

Il-Pulizija vs Oliver Micallef - 14/2/2001, per Vella P., J

Il-Pulizija vs Jacqueline Zammit - 15/2/2003, per Galea Debono J., J

Il-Pulizija vs Etienne Mizzi - 4/4/2003, per De Gaetano V., C.J.

Il-Pulizija vs Joanna Alison Beirne - 14/8/2003, per De Gaetano V., C.J.

FUJIFILM

I&I – Imaging & Information

# The Serious choice in digital photography

SUPER CCD | AF | MOVIE REC | xD xD-Picture Card

FinePix

# State-of-the-art digital cameras

## A310

4th Generation SUPER CCD HR

8.7× ZOOM 3× Optical 2.9× Digital

8.7x zoom performance
(3x optical and 2.9x digital)




## F410

4th Generation SUPER CCD HR

13.2× ZOOM 3× Optical 4.4× Digital

Superb performance in a sleek and compact form

13.2x zoom performance
(3x optical and 4.4x digital)

**FinePix A310 & F410** models use the latest 1/2.7" 4th-Generation Super CCD HR producing superb quality 6.0 Mega Pixel (2816 x 2120) images from 3.1 million effective pixels, high signal-to-noise ratio, greater sensitivity and excellent colour reproduction




## F700

4th Generation SUPER CCD SR

6.2M Effective Pixels [S3.1M+R3.1M]

6.6× ZOOM 3× Optical 2.2× Digital

**FinePix F700** incorporates the new 1/1.7-inch Super CCD SR, featuring 6.2 million* effective pixels (3.1 million S-pixels and 3.1 million R-pixels). Maximum image size is a high resolution 2832x2128 (6.03 million) recording pixels.

* The largest number of pixels in the 1/1.7-inch class (as of February 2003)

Wider dynamic range designed for optimum exposure latitude and tonal range
High performance 6.6 zooming

Enhanced image processing and quick response




Ciancio (1913) Co. Ltd.

Ciancio House, Cannon Road, Qormi
Tel: 21 480500 Fax: 21 488328

Valletta Bureau Tel: 21 246709

For further technical information email: info@fujifilm.com.mt
or visit our website at www.fujifilm.com.mt

Available from
FUJI TECH Centre
& FujiFilm authorised dealers




digital
Tools for the imagination.



Ps 496 Godwin Borg
9 Distrett

# Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija

Forsi ftit huma dawk il-membri li jafu li l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija ġiet imwaqqfa f'Lulju tas-sena 1955. Madankollu, din kienet ġiet proponuta sabiex titwaqqaf sa mis-sena 1950. L-għanijiet prinċipali kienu tlieta: l-ewwel, li tipproteġi lil uffiċjali żgħar minn xi vittimizazzjoni possibli, t-tieni, sabiex tamministra il-*Police Fund*, u t-tielet, sabiex tiżgura koperazzjoni sħiħa u ftehim aqwa bejn l-Uffiċjali u s-subalterni.

Għalkemm kif diġa għidt l-Assoċjazzjoni ġiet imwaqqfa f'Lulju ta' l-1955, sa minn Mejju 1955 ir-rappreżentanti tagħha kienu diġa resqu xi lmenti lil awtoritajiet peress illi f'dawk iż-żminijiet kien ġie Malta ċertu Mr.Muller sabiex dan iħejji rapport dwar il-Korp tal-Pulizija ta' Malta.

Fost l-ilmenti mressqa kien hemm dwar is-sigħat twal ta' xogħol, l-uniformi, żieda fil-paġi, ogħti ta' l-*allowances*, rigward il-kastigi f'każi ta' ksur ta' dixxiplina, kif ukoll dwar is-servizz ta' riserva li ma kienx jodd għall-fini ta' pensjoni.

Wara li ġew diskussi dawn il-punti, l-Assoċjazzjoni kisbet riżultat pożittiv fuq ħafna minn dawn l-ilmenti mressqa.

Ngħaddu issa għaż-żminijiet tal-lum. Kif tafu diġa għaddew diversi xhur minn mindu ġie elett dan il-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Assoċjazjoni tal-Pulizija. Sewwa jgħidu li ż-żmien jgħadi bħal-ħolma. Saru diversi laqgħat u kif diġa' semmejt ħafna minn dawn il-laqgħat kienu jittrataw l-Amministrazzjoni. Għalhekk ġie deċiż illi rigward dan id-dipartiment biex insejħulu hekk kien hemm bżonn li ssir riforma mill-qiegħ nett sabiex kollox jinżamm bl-ordni u b'serjeta'. Aħna ser inkunu ċari f'kollox, m'għandniex għalfejn noqgħodu nduru mal-lewża. Li tkun ta' żaqqek f'ommok ma fiha xejn ħażin, diment illi dak li tgħid tkun f'posizzjoni li tissostanzjah u jekk ikun hemm il-bżonn tipprovah ukoll. L-ipokrezija hemm bżonn li nidfnuha darba għal dejjem u min ħaqqu prosit jieħdu u min ma ħaqqux ma jieħdux, anzi fejn hemm lok li jiġi kritikat, jiġi kritikat. Hekk titlob is-serjeta' u min m'għandux x'jaħbi m'għandux għalfejn jikkonfondi.

Fil-futur qarib ser nintroduċu *e-mail address*, u l-Kummissarju s-Sur John Rizzo bil-ġentilezza kollha, wegħdna li jekk tinħass il-ħtieġa kien lest li jawtorizza li ningħataw aktar spazju sabiex ilkoll kemm aħna nsemmu aktar leħinha fil-*magazine* "Il-Pulizija". Iva ħbieb dan il-*magazine* jista' jkun ta' ġid sabiex min irid jista' jikteb u jesprimi ruħu bil-liberta' kollha. Fi ftit ġranet u ċioe' sakemm ikun stampat dan id-diskors, inkunu iltqajna mal-kumitat ċentrali, sabiex magħkom niddiskutu, f'aktar dettal, x'inhu il-programm tagħna għall-futur u x'inhuma il-proposti tagħkom.

Ninsab persważ illi issa ħadd mill-membri tal-Korp m'huwa ser ikun jista' jgħid illi ried jew xtaq jgħaddi xi suġġeriment u ma ngħatax iċ-ċans. Mill-bidu nett aħna fil-limitazzjonijiet kollha tagħna rajna kif nistgħu nkattru il-mezz ta' komunikazzjoni bejn il-kumitat kif ukoll il-membri kollha tal-Korp u dan, sabiex inħeġġu lil kulħadd jieħu sehem attiv. Inutli l-paroli fil-vojt, ejja bis-serjeta' nersqu aktar lejn xulxin u flimkien niddiskutu l-futur tagħna, filwaqt ukoll illi nkomplu nsostnu l-effiċjenza tagħna waqt il-qadi ta' dmirijietna sabiex ma nagħtu ċans lil ħadd jikritikana.

Dan l-aħħar smajt ħafna għajdut, bħal per eżempju rigward il-Ħdud u l-Festi, ħamsa u għoxrin sena servizz, u rtirar kmieni mix-xogħol, u ħafna għajdut oħra. Onestament nistqarr illi l-Assoċjazzjoni għada ma ġietx mgħarrfa minn ħadd uffiċjalment rigward xi riforma minn dan, għal daqstant ma ġie diskuss xejn. Tinsewx illi wara kollox, l-Assoċjazzjoni riformi trid twettaq u mhux diformi. Minn naħa tagħna bħala Assoċjazzjoni, aħna obligati li nisimgħu u nippruvaw nifhmu lil kulħadd u fuq kollox iridu nwieġbu lil kulħadd b'sincerita' sħiħa, għax b'hekk biss nistgħu nkunu kredibli. L-arloġġ ħadd ma jista' jreġġgħu lura. Dak li suppost sar fis-snin mgħoddija bla tlaqliq ngħid illi ħafna minnu ma sarx għalhekk ma nistgħux nippretendu li nagħmluh f'ħakka t'għajn. Ix-xhur li ġejjin ser ikunu kruċjali. Irridu nippjanaw fit-tul, kien ghalhekk illi qabel nibdew ridna naraw il-ħtiġijiet interni ta' l-assoċjazzjoni ma nitraskurawhomx - *Charity begins at home*. Naħseb bla dubju kulħadd jaqbel illi hemm bżonn ta' diversi riformi, pero' qabel xejn irridu niflu, nixtarru u niżnu. Flimkien irridu niddeċiedu t-triq għal ġejjieni tagħna.

Naħseb illi fil-Korp tal-Pulizija jeżistu ħafna anomaliji. Dan m'għandux ikun f'Korp tal-Pulizija mmexxi minn Kummissarju wieħed. Fejn hemm xi tbatijiet fost xi membri tal-Korp irridu naraw kif ser inbenġluhom, filwaqt illi fejn hemm aktar ġid irridu naraw kif dan jista' jinqasam aktar ugwali bejn il-membri kollha. F'dan il-mument hemm bżonn illi nżommu saqajna ma' l-art u ngħixu r-realta' kollha. Flimkien nippruvaw nifhmu s-sitwazzjoni u meta nersqu għal xi deċiżjoni rridu niddeċiedu bil-moħħ u mhux bl-emozzjoni. Dak li hemm bżonn isir għandu jsir għall-ġid ta' kulħadd u mhux minħabba xi sens ta' pika jew xi nteressi personali. Aħna mhux tfixkil, gambetti u konfrontazzjoni għandna bżonn, iżda li kulħadd iressaq kritika kostruttiva. Ma hemm l-ebda dnub li nistqarru bl-akbar responsabilta' dak li jogħġobna u dak li le. It-triq sempliċi hija dik li tgħid "dak li kien ħazin qabel ser jibqa ħazin għall-lum u għal għada". Għandna għalhekk inkunu aktar diretti f'dak li nkunu qed ngħidu ġa la darba l-argumenti jkunu sodi u bis-sens. Huwa mportanti li issa mhux ninħarqu dwar l-imgħoddi iżda li naraw kif bl-aħjar mod ser niddefendu l-interessi tagħna lkoll. Ejjew inqumu, għax mhux den tagħna li nibqu hekk. Wasal iż-żmien li kulħadd jibda jifhem u jagħraf u fuq kollox jafda lil din l-Assoċjazzjoni. Id-deċiżjonijiet li ser jittieħdu fiż-żmien li ġej ser jittieħdu f'isem il-membri kollha tal-Korp, għalhekk ser jolqtu lil kull wieħed u waħda minnha. Bħal kwalunkwe Dipartiment tal-Gvern ieħor aħna ukoll ser niffaċjaw sfidi ġodda fil-futur. Filwaqt illi aħna forsi ma ngawdux minn ċerti privileggi bħal ma jgawdu Dipartimenti oħra, jiena perswaz illi xorta kapaċi nersqu fuq il-mejda ma l-Awtorita` u nġibu dak li ħaqna.

Qabel nagħlaq nixtieq nieħu l-opportunita' sabiex nirringrazja lill-Kollega Surġent Stephen Monreal tal-kontribut tiegħu u nħeġġeġ lil ħafna aktar sabiex jikkupjaw dan l-eżempju. Inħeġġeġ ukoll lil kulħadd sabiex isegwi aktar dan il- Magazine "Il-Pulizija". Minn hawn nixtieq insellem lil dawk il-membri kollha tal-Korp li llum m'għadhomx magħna.♦

Insellmilkom

# Kompetizzjoni għad-disinn tal-*Crime Museum* tal-Korp tal-Pulizija

Il-ħajja u l-istorja tal-Korp tal-Pulizija ma tieqaf qatt. L-esebiti li mal-milja taż-żmien sabu ruħhom fil-Muzew tal-Pulizija biex ikunu xhieda ta' dak kollu li għaddew minnu l-kollegi tagħna huma biss parti żgħira minn proġett li kull ma jgħaddi ż-żmien aktar qed ikompli jikber.

Hija x-xewqa tal-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur John Rizzo, li bħala Korp nibnu mużew fejn l-esebiti jkunu xhieda ta' xogħolna, xiehda li l-ħajja kwotidjana hija parti integrali mill-ħajja tal-Pulizija.

Għalhekk qed tiġi mnehdija kompetizzjoni għall-interior design tal-Muzew. Il-qarrejja kollha ta' dan il-Magazine jistgħu u huma mħeġġa sabiex jissottomettu d-disinn tagħhom.

Is-sit jikkonsisti f'żewġt ikmamar, fejn il-kamra prinċipali għandha għoli ta' 24 filata, wisgħa ta' 6.6 metru, u fond ta' 14.2 metru. Interessanti huwa l-fattur li din il-kamra għandha s-saqaf tagħha s-saqaf tagħha bl-arkati li għadu fl-oriġinalita' tiegħu. Kamra oħra biswitha hija ta' 4 metri b'2 metri.

Kull min huwa interessat u jixtieq jara l-kmamar qabel jissottomentti d-disinn tiegħu huwa mitlub iċempel għal appuntament fuq in-numru tat-telefon 21240803.♦





# Mit-Telefonati Tagħkom



Ps 506 Charles Zammit
Traffic Section

Irċievejt diversi telefonati minn membri tal-Korp li huma stazzjonati f'diversi għases, fejn talbuni sabiex infiemhom xi regolamenti dwar xi kontravenzjoni tat-traffiku li ltaqgħu magħhom.

Dawn it-telefonati ħeġġewni sabiex nikteb dwar dawn ir-regolamenti li intom tiltaqgħu magħhom ta' spiss.

Telefonata mid-Distrett ta' Tas-Sliema kienet dwar il-problema li qiegħdin jaffaċjaw għar-rigward il-parkeġġ ta' quddiem il-garaxxijiet.

Ħalli nibda x'jgħid ir-regolament numru 77 mir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, bl-Ingliż magħrufa bhala *Motor Vehicles Regulations 1994* (Avviż Legali numru 128, tal-1994) dwar dan is-suġġett:

**77** *Min isuq jew hu nkarigat minn vettura bil-mutur m'għandux, sew għax ikun irid jew bi traskuraġni, iżomm, ifixkel, jew jaqta' l-mogħdija jew ma' jħallix skaplu għal mgħoddija ta' persuna, vettura, żiemel jew frat f'kull triq li tkun, għandu jżomm il-vettura bil-mutur max-xellug tat-triq sabiex iħalli din il-mogħdija.*

*Ebda persuna ma' għandha tipparkja jew tħalli bla għassa xi vettura bil-mutur f'dak il-mod li ma' tħalliex xi vettura bil-mutur ta' persuna oħra milli jkollha dħul jew ħrug liberu għal jew minn xi post użat u mmarkat b'mod ċar bhala "GARAGE"*

Dan ir-regolament juri biċ-ċar, li s-sid jew il-kerrej tal-garaxx, li jiggaraxja il-vettura tiegħu, obbligat, li mal-faċċata tal-bieb tal-garaxx irid bil-fors ikollu l-kelma "**GARAGE**" immarkata f'post fejn tidher. B'hekk ikollu d-dritt li jdaħħal u joħroġ il-vettura tiegħu mingħajr ebda ostaklu.

Ostaklu jista' jsir mhux billi xi ħadd jipparkja quddiem garaxx, imma wkoll mal-faċċata jew mal-ġnub ta' l-istess garaxx. Ma hemm ebda kejl ta' kemm il-vettura trid tkun ipparkjata l-bogħod mill-garaxx.

Problema oħra li qed naffaċċaw riċenti hija li ċertu Kunsilli Lokali qegħdin jagħmlu marki ta' ***Parking Bays*** faċċata tal-garaxxijiet, fejn it-toroq huma dojoq, mingħajr ma jieħdu pariri ta' l-esperti f'dan il-qasam. Dawn qegħdin ikunu ta' gwida ħażina għas-sewwieqa, għaliex, għalkemm il-vettura tkun ipparkjata gewwa ***Parking Bay*** kif jitlob l-Avviż Legali 94 ta' 1969, l-ostaklu xorta jkun qiegħed isir. Irrid inżid hawn li għalkemm faċċata tal-garaxx ikun hemm ***Parking Bay*** safra, jekk ma jkunx hemm il-kelma ***GARAGE*** mal-faċċata tal-bieb, xorta waħda jista' jsir parkeġġ quddiem il-garaxx, għaliex il-kaxxa safra hija ***Parking Bay*** li tippermetti li jista' jsir parkeġġ skond Avviż Legali 94 ta' 1969.




Fuq dawn il-marki tat-toroq nikteb artiklu aktar' il quddiem.

Parir li ħadt mingħand l-Avukat Ġenerali tar-Repubblika dwar dan il-parkeġġ ta' quddiem il-garaxxijiet fejn hemm immarkat l-***Parking Bay*** b'kulur abjad jew isfar u hemm il-kelma ***GARAGE*** mal-faċċata tal-bieb, kien, li, jew ninfurmaw id-Dipartiment ikkonċernat b'dan l-atteġjament tal-Kunsilli, jew, nagħmlu ***challenge*** billi nirmunkaw vettura minn ġewwa ***Parking Bay*** li tkun qiegħda tagħmel ostaklu. Irid ngħid li mhux il-Kunsilli Lokali kollha jimxi b'din l-attitudni.

Għal benefiċju tagħkom, mill-1991 mat-twaqqif ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar, il-permess tad-dar li magħha hemm garaxx qiegħed jinħareġ b'kundizzjoni ta' liema kategorija ta' vettura tista' tiggaraxxja. Dan qiegħed isir minħabba vetturi kbar ta' il fuq minn għaxar tunellati jew tal-linja, li ma jkunx hemm biżżejjed spazju sabiex idaħħlu l-vettura fil-garaxx. Għalkemm tal-linja ma hemmx bżonn li tiġi ggaraxxjata matul il-lejl, xorta trid issir applikazzjoni ma' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar qabel tibda tibni sabiex jinħariġlek permess sabiex tiggaraxxjha.

Nispera li dan ir-regolament numru 77 mir-Regolamenti ta' l-1994 dwar il-Vetturi bil-Mutur, bl-Ingliż magħruf bħala *Motor Vehicles Regulations 1994* maħruġ mill-Avviż Legali 128, ġie spjegat u miftiehem.

Jekk għandkom xi problema dwar xi regolamenti jew fejn jidħol traffiku, nieħu pjaċir jekk tagħmlu kuntatt miegħi ħalli niddiskutuh u nsolvu l-problema flimkien.♦

**FAX ME**
Embassy o
Mosco

To: The Commissioner of Police
Mr. John Rizzo
Police Headquarters
Floriana

From: Dr. Joseph Cassar
Ambassador-Moscow

Fax: 21 247589
Ref: 3.a.2
No: 873
Pages: 1
Date: July 7, 2003
CC:

**Re: Police Day**

Dear Commissioner,

On the occasion of the celebration of Police Day on July 12, 2003, the officers and staff at th Embassy of Malta in Moscow join me in transmitting our heartiest congratulations.

In conveying our best wishes to the officers and members of Corps, we would like to express our deep esteem for the multifaceted duties of the Malta Police to ensure the security of our national community.

In particular, our gratitude goes to Assistant Commissioner Mr. Andrew Seychell a officers and staff at the Special Branch (Visa Section) for their daily co-operatio Embassy.

With appreciation and respect

. Joseph Cassar
bassador

---

MINISTERU GHALL-ĠUSTIZZJA
U L-INTERN

MALTA

*Il-Ministru*

26 Settembru 2003

Is-Sur John Rizzo
Kummissarju
Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija
Floriana,

Sur Kummissarju

Nixtieq nirringrazzja lilek, l-ufficjali u lill-membri k xogħol siewi li wettaqtu matul id-9 Konferenza tal-M Mediterran tal-Punent li saret iktar kmieni din il-ġimg

Dan il-messaġġ jirrifletti ukoll l-opinjoni tad-delegati k fil-Konferenza, li kollha kellhom tifħir għal mod li kien partecipanti.

Nixtieqek tgħaddi dan il-messaġġ lill-membri kollha ta u involuti fis-sigurta tal-Konferenza.

Grazzi mill-ġdid,

Tonio Borg
Ministru

---

14/16, Vincen
Strait Street
Valletta VL
Malta.
Tel. (035
Telefax
Mobile
e-mai

BORG M. Jur. (OXON), LL.D.
ADVOCATE

25th July 2003

The Commissioner of Police
Police General Headquarters
Floriana

Dear Sir,

I am writing this letter to give credit, where credit is due. On T that I had been robbed of a consignment of tiles and bathroom f at the above address. That same day I filed a report with the St Julians P

To my pleasant surprise, following the intervention of your Inspector Ma within less than 24 hours the case was solved, the culprit was caught, and wi I had most of my things returned to me.

I feel that I have to put this down on record, since I was impressed w and dedication shown by your Police Officers at the St Julians Police Inpsector Tonna.

Yours Sincerely,

Dr ... Borg
Advocate

Police Station
the Interior

---

***To:*** ***Joe Gerada-Chief Execu***

***From: Ruth Sciberras-Service Ar***

***CC:*** ***Bryan Magro-Service Mana***

***Subject: Police officers collaborating***

***Date: 23-6-2003***

Dear Mr. Gerada,

The Child Protective Services encountere social workers to the extent that I feel tha Silvio Brincat No 768 of Hamrun Police St of Sliema Police Station.

Both officers attended the Child Protection input they gave a significant contribution to th

PS Brincat confronted an alcoholic mother and at the same time he was very firm. His interve issued since the mother fully cooperated an placements. The concerned mother later reporte her he always encourages her to seek help reg certainly not the first time that PS Brincat helped very complicated and dangerous case of domestic spent a whole day at Gattard to protect social perpetrator.

On the other occasion, PS Cordina gave us extr of three children who are under a care o was going to increase considerab Cordina stated his great being informed th family the

# Apprezament mill-Pubbliku

MINISTRY FOR JUSTICE AN[D]
HOME AFFAIRS

...ollha tal-Korp tal-Pulizija tax-
...inistri ta' l-Intern tal-Pajjiżi tal-
...ha.

...ollha barranin li hadu sehem
...et organizzata s-sigurta tal-

...l-Korp li kienu responsabbli

August 2...

Assistant Commissioner Josie Brincat
Police Headquarters
Floriana

Dear Assistant Commissioner Brincat,

On behalf of Ambassador Anthony Gioia and Mrs. Gioia, the employees of the Embassy, and Captain Haley and the crew of the USS La Salle, I would like to extend heartfelt thanks to you and the members of your staff detailed to provide security for the Independence Day celebrations held July 11$^{th}$ on board the USS La Salle.

I am grateful for the support your department extended to ensure the safety and well being of all participants and the smooth conduct of the event. I would appreciate if you pass my personal thanks to the under-listed police officers from the K9 Section f... ...ir dedication and professionalism in the performance of their duty.

| | |
|---|---|
| | Dennis Agius |
| PS 772 | Francis Muscat |
| PC 1481 | Joseph Bugeja |
| PC 1103 | Alfred Spiteri |
| PC 1028 | |

APPOĠĠ

...e

...Leader

...h CPS

...police officers ...
...work must be ...
...nd the other is ...

...nferences ...
...'s care p...

...he was ...
...ped tw...
...e chi...
...t wh...

Assistant Commissioner Josie Brincat
Police Headquarters
Floriana

Dear Assistant Commissioner Brincat,

On behalf of Ambassador Anthony Gioia and Mrs. Gioia, the employees o[f] ... and Captain Haley and the crew of the USS La Salle, I would like to extend hea[rtfelt thanks] to you and the members of your staff detailed to provide security for the Independen[ce Day] celebrations held July 11$^{th}$ on board the USS La Salle.

I am grateful for the support your department extended to ensure the safety and well being of all participants and the smooth conduct of the event. I would appreciate if you pass my personal thanks to the under-listed police officers from the Special Assignment Group for their dedication and professionalism in the performance of their duty.

| | |
|---|---|
| Superintendent | Martin Bayliss |
| Inspector | Edward Mangion |
| PS 184 | Silvio Cacciattolo |
| PC 1010 | Emanuel Vassallo |
| PC 1482 | Charles D'Anastasi |
| PC 1456 | Michael Carter |
| PC 1463 | Charles Borg |

SOCJETA' FILARMONIKA LA STELLA
TEATRU ASTRA

23 ta' Lulju 2003

Is-Sur J. Valletta,
Supratendent,
Għassa tal-Pulizija
Triq ir-Repubblika,
Victoria.

Għażiż Sur Valletta,

F'isem il-President u l-membri tal-Kumitat tas-Soċjeta' ... għadna kemm organizzajna l-Festi esterni ta' San Ġ... nirringrazzjawk mill-qalb għall-għajnuna kbira li tajtna ... kollu tal-Pulizija, li huwa fdat f'idejk, fil-jiem kollha ... koperazzjoni kbira tagħkom, l-attivitajiet kollha ... mxew b'ordni kbira u kulħadd iddeverta bla ma...

Mill-ġdid nirringrazzjawk.

Bl-isbaħ tislijiet,

Dejjem Tiegħek,

George Farrugia
Assistent Segretarju

cc Kummiss...



# Il-Pulizija u l-Ġustizzja Kriminali

M'hemmx dubbju dwar l-importanza tal-Pulizija! Fit-teorija, is-sikurezza u l-liberta` taċ-ċittandini tiddependi mil-liġijiet li jiġu mgħoddija u mill-Kostituzzjoni tal-pajjiż iżda fil-prattika, jekk nirriflettu ftit, malajr naslu għall-konklużjoni li d-deċiżjonijiet mittieħda fil-Parlament u mill-qrati tagħna, jkunu jiswew ftit li xejn jekk ma jkunx hemm il-Pulizija li tinforzahom.

Ħafna nies jaħsbu li dan kollu jagħmilna xi korp jew xi entita` b'poteri enormi iżda l-kelma "poter" hija kelma emottiva, partikolarment meta din tiġi assoċjata magħna l-pulizija. Xi kultant naħseb li tnissel suspett fis-sens li jkun hawn min jaħseb li aħna għandna xi poter li nikkastigaw lil xi ħadd skond jif jidhrilna aħna, ħielsa minn xi forma ta' kontroll effettiv. Naturalment, aħna m'għandniex tali poter. Mal-milja taż-żmien, l-iżvillup tagħna dejjem ġie ikkundizzjonat minn żewġt affarijiet: l-ewwel - li nżommu l-ordni u l-kwiet pubbliku u li nipproteġu lil ta' madwarna, fil-waqt u t-tieni punt hu - li għandna niżguraw li fil-qadi ta' dmirijietna, l-imġieba tagħna għandha tkun waħda razzjonali u xejn oppressiva. Din hi waħda mir-raġunijiet ewlenin għala l-pulizija Maltija dejjem baqgħet ftit bħala numru u kontabbli dejjem - fl-eżekuzzjoni ta' dmirijietha - lejn il-liġi u l-qrati in ġenerali. Aħna ma ngawdu mill-ebda privileġġ u mill-ebda immunita`. Membru tal-Korp li jikser il-liġi jiġi mtellgħa l-qorti u jieħu l-kastig misthoqq lilu bħal kwalunkwe ċittadin ieħor u xi daqqiet, il-piena tkun akbar ukoll. L-uniċi poteri li nippossedu huma dawk biss li joħorġu mil-liġi - u saħansitra anke' hawn inkunu qegħdin f'riskju - jekk dawn il-poteri nużawhom inġustament jew inkella abbużivament!

Il-verita` hi, li pulizija jesegwixxi aktar 'responsabbilitajiet' milli 'poteri'. Liebes l-uniformi (jew le), huwa xorta waħda jibqa' wieħed mill-membri tas-soċjeta` Maltija li obbliga ruħu taħt ġurament li jaqdi ċertu responsabbilitajiet f'isem sħabu ċ-ċittadini l-oħra. Illum il-ġurnata, dawn ir-responsabbiltajiet saru aktar usa' milli qatt kienu u saħansitra aktar ikkomplikati. Meta żmien ilu l-poplu tagħna kien forsi aktar umli, ifqar u nieqes mill-iskola, kien aktar faċli biex inwettqu xogħolna mingħajr kritika effettiva. Mhux darba jew tnejn ġiegħli smajna l-anzjani tagħna jgħidu, li l-awtorita` dari kienet aktar irrispettetta! Iżda llum, li d-dinja mxiet aktar 'il quddiem, is-soċjeta' tagħna hija mgħammra aħjar biex tistaqsi, tindaga u tixtarr kull mottiv u deċiżjoni politika u amministrattiva li tittieħed u għaldaqstant, kull nuqqas ta' qbil u protesta ma' l-awtoritajiet, qegħdin inqisuh fid-dinja moderna tal-lum, xejn anqas minn mezz li jġib u jkattar il-bidla soċjali.

Il-problema tidher aggravata b'fatturi oħra. Ma nistax ma ngħidx, li aħna poplu xi ftit jew wisq insulari u forsi nażżarda ngħid li sa ċertu punt anke konservattiv u mhux daqstant avventuruż! B'kwistjonijiet bħal ta' l-immigranti illegali li ġew fuqna għall-għarrieda, bl-iżvillup mgħaġġel li qed isir f'pajjiżna, bit-teknoloġija innovattiva li dieħla, b'reati ġodda li ftit li xejn konna nikkontemplawhom sa ftit żmien ilu, xogħolna li nżommu l-ordni sar aktar diffiċli milli qatt qabel. Iżda apparti dan kollu, indubbjament l-aktar problema kontinwa li l-pulizija tħabbat wiċċha magħha l-ħin kollu xorta baqgħet il-prevenzjoni u l-investigazzjoni tar-reati. Iżda din hija biss parti mis-sistema ta' ġustizzja kriminali f'pajjiżna. Hemm erba' gradini suċċessivi li rridu naħsbu fihom. L-ewwel, il-liġijiet penali li jgħaddu b'att tal-Parlament; imbagħad jiġi l-kompitu tal-Pulizija Eżekuttiva li tinfurzahom. It-tielet tarġa hi l-proċess kriminali, fejn il-kwistjoni dwar sejbien ta' ħtija jew le tiġi deċiża. Fl-aħħar, hemm il-problema ta' x'hemm bżonn li jsir jekk tinstab ħtija. Ġeneralment, dawn l-erba' gradini jiġu meqjusa u ikkunsidrati individwalment u fl-iżolament tagħhom, fejn kull waħda minnhom nassoċjawha biss ma' xi grupp ta' persuni partikolari. Hekk ngħidu aħna, il-politiċi jfass-



Spettur Mario Spiteri
Strategy and Planning

*"The police have a right to demand that the path they must tread should be clearly designed to lead to a just result for the community for whom they act, as well as for the accused"*

***Lord Patrick Devlin Imħallef Ingliż***

lu l-liġi, il-pulizija tinforzaha, l-avukati (u f'ċertu każi anke aħna) jieħdu ħsieb il-proċess fil-qorti filwaqt li s-servizzi tal-ħabs u l-*probation officers*, jittrattaw mal-persuni li jkunu ġew misjuba ħatja. Ħadd minn dawn il-gruppi mhu obbligat li joqgħod jagħti każ il-problemi ta' l-ieħor jew li joqgħod jikkonsidra kif is-sistema tista' taħdem bħala waħda sħiħa u unita.

Din hija sfortuna minħabba l-fatt, li d-diversi partijiet tas-sistema huma intimament konnessi. Nistaqsi - x'bżonn hemm li l-Parlament jgħaddi l-liġijiet jekk il-poplu ma jkunx jista' jinfurzahom? X'inhu l-punt li wieħed jaqbad il-kriminali, jekk is-sistema ġudizzjarja tkun tant ineffiċjenti li kulħadd joħroġ illiberat? Min-naħa l-oħra, pieni kiefra ċertament ma jservu għall-ebda skop, jekk ftit kriminali jinqabdu u jiġu ikkastigati. Il-Parlament ikun qiegħed jaħli ħinu, jekk il-pieni jkunu tant minimi li n-nies jkun jaqblilhom li jkomplu jwettqu r-reati! Ċertament, ħafna minnkom li qegħdin taqraw dan l-artikolu, tqisu dawn il-punti bħala xi ħaġa ovvja, imma tiskanta kemm fil-prattika n-nies jonqsu li jaħsbu u jirriflettu fuqhom.

U hu proprju għalhekk li iddeċidejt li nħażżeż f'dan l-artikolu ftit ħsibijiet dwar ċertu aspetti tas-sistema ta' ġustizzja krim[illegible]na nies huma ta' l-idej[illegible] d-diversi gradini li jeżistu, [illegible]niex strettament t'interess għ[illegible]lina l-pulizija. Qiegħed nalludi għal-ligi kriminali, il-proċess ġudizzjarju u l-kwistjoni tal-pieni.

Nieħdu per eżempju l-liġi kriminali. L-isforz tagħna sabiex ninfurzaw ċertu liġijiet, ġeneralment jittieħed minn xi oqsma tal-pubbliku b'nuqqas t'entużjażmu jekk mhux ukoll b'ċertu ostilita`! Fil-fatt, l-uniku reati li naf li nsolvu u li fuqhom ngawdu l-istima tal-pubbliku in ġenerali huma dawk li min-natura tagħhom stess jiġġeneraw ċertu sens ta' stmerrija. Jiġuni f'moħħi l-omiċidju, l-istupru, il-vjolenza fuq il-minorenni jew l-anzjani u s-serq. Iżda meta wieħed jipprova jinforza ċertu liġijiet li jkunu ftit jew wisq kontroversjali, bħal per eżempju dawk li jittrattaw l-immigrazzjoni illegali jew inkella dawk li jikkonċernaw it-tilwim industrijali, ħafna drabi dawn iġibu magħhom ċertu kritika ħarxa li inġustament tkun immirata lejn il-pulizija. Konsegwenza ta' dan, aħna niġu ittimbrati miż-żewġ naħat tal-munita bħala indeċiżi, dgħajfa, jew inkella bħala mhux raġjonevoli, arbitrarji jekk mhux ukoll krudili u bruttali! Min jaf? Forsi meta jiġri dan, ikun ċertifikat għalina li nkunu qegħdin inwettqu dmirna kif suppost.

Huwa kemmxejn diffiċli li tinvestiga reati li l-pubbliku għal xi raġuni jew oħra jidhirlu li m'humiex moralment daqstant ħżiena. L-aħjar eżempji li nista' nagħti huma ċertu kontravenzjonijiet tat-traffiku iżda l-istess jista' jingħad għar-reati fiskali li xi kultant huwa ferm diffiċli biex wieħed jiddentifikom. It-tendenza tal-pubbliku hi li b'xi mod, aħna ser niġu ikkritikati sew għax ninfurzaw il-liġijiet u sew għax nonqsu li ninfurzawhom. Xi kultant, il-pubbliku jistenna riżultati li l-opinjoni tiegħu stess sempliċiment iċċaħħadna milli niksbu.

U xi ngħidu għas-sistema ġudizzjarja tagħna - partikolarment is-sistema tal-ġuri? Ħafna minnkom jaħsbu li din is-sistema, li ġiet introdotta fi żmien l-Ingliżi f'Malta, hija l-aħjar waħda li teżisti fid-dinja! Jekk m'hix perfetta, dan għaliex xi kultant tintefa' l-ħtija fuq dawk kollha li jikkonċelebraw ir-riti sagri fit-tempju tal-ġustizzja. Qed nuża dawn il-metafori tqal u reliġjużi minħabba l-fatt li l-kunfidenza tal-pubbliku fis-sistema tal-ġuri tagħna hi essenzjalment waħda ta' twemmin. Ċertament m'hemm xejn ibbażat fuq l-ebda evidenza. Naħseb li ħadd qatt f'pajjiżna ma ħass il-ħtieġa li jagħmel investigazzjoni sħiħa u imparzjali ta' kif taħdem is-sistema tal-ġuri - u kif inhi mfassla l-liġi - ma nafx kemm hu possibli li ssir tali investigazzjoni.

Indubbjament, il-ġuri hu l-qalb tal-proċess kriminali kollu. Ftit hemm informazzjoni kif u l-għala l-ġurati jaslu għall-verdett tagħhom għax ħadd m'għandu l-jedd li jisma' xi jkun qiegħed jingħad minnhom meta dawn ikunu magħluqa jiddeliberaw f'kamrithom. Mhux wieħed jew tnejn jaħsbu li jekk iseħħ dan, il-fiduċja tal-pubbliku fil-ġurijiet tonqos. Ċertament fatt kurjuż u dan il-għaliex, ma nista' naħseb f'ebda istituzzjoni soċjali oħra li hi protetta minn xi forma t'inkjesta jew investigazzjoni daqs il-ġuri.

Ħa nagħmluha ċara - jien (bħal kulħadd), għandi l-opinjoni personali tiegħi dwar is-sistema tal-ġuri. Naħseb li hu importantissimu li l-ġurijiet jibqgħu jinżammu għar-reati serjissimi bħal dawk li jmorru kontra l-istat, jew inkella dawk li jaqgħu taħt l-Ordinanza dwar is-Sigrieti Uffiċjali. Iżda mill-banda l-oħra, insibha ftit diffiċli kif ġuri magħmul minn disa' minnies ġejjin minn livelli differenti tas-soċjeta', ikun jista' jiġġudika xi każ ikkumplikat ta' frodi jew ta' ħasil ta' flus. Din hi biss opinjoni personali u ċertament m'għandi xejn x'insostni xjentifikament li jmur kontra l-opinjoni ta' individwi oħra li forsi jaħsbuha differenti minni. Il-fatt jibqa' iżda, li ħadd m'għandu l-evidenza li fuqha jista' jibni jew jagħmel *fair assessment*.

U xi ngħidu għal dawk l-akkużati kollha li joħorġu illiberati mill-ġurijiet! U hawnhekk nistħajjilkom tesklamaw: "U għaliex le? Forsi verament l-akkużati kienu innoċenti. Kif jafu l-pulizija li dawk kienu ħatjin?" Iżda l-affarijiet mhux daqshekk sempliċi. Biss biss ngħidu, li s-sistema tal-ġuri tagħna (simili għal dak Ingliż), qatt ma tiddeċiedi jekk akkużat hux innoċenti jew le. L-unika mistoqsija mwieġba mill-ġurati hi: jekk il-prosekuzzjoni, skond ir-regoli u l-prinċipji tax-xiehda, tkunx ippruvat li l-akkużat kien ħati - u din hi xi ħaġa ferm differenti mill-fatt jekk l-akkużat kienx innoċenti! Jeżistu ħafna raġunijiet fejn il-ġurati jistgħu jaħsbu l-għala l-prosekuzzjoni ma tkunx ippruvat il-każ tagħha. Jistgħu jaħsbu, li probabbilment kien l-akkużat li ikkommetta r-reat iżda d-difiża qajmet xi dubbju raġjonevoli f'xi stadju jew ieħor tal-proċess. Jew inkella jista' jagħti l-każ, li xi evidenza li forsi tkun se tissiġġilla l-każ u ssammar 'l-akkużat, ma tkunx ġiet ippreżentata jew inkella tiġi eskluża bir-regoli tax-xiehda. Xi kultant, il-ġurati jistgħu wkoll jemmnu xi storja ivvintata iżda plawsibbli mill-avukat difensur. Min jaf? Għaldaqstant, ħadd m'għandu jaħseb li akkużat li jkun ġie illiberat minn ġuri, kien ċertament innoċenti. Hemm ħafna aktar raġunijiet possibbli. Ħaġa waħda biss hi ċerta. Kull assoltorja huwa każ fejn jew bniedem ħati jkun ġie meħlus jew inkella fejn bniedem innoċenti jkun ġie kostrett u mdaħħal f'ċertu inkwiet u spejjeż żejda sabiex jiddefendi lilu nnifsu.

Niġu issa għall-aħħar gradina - il-pieni. Ħafna min-nies jaħsbu li t-tweġiba għal min jagħmel ir-reati hi piena ħarxa. Xi kultant niddubbita kemm dan hu verament minnu. Studji juru li kriminali professjonali jikkomettu reat wara l-ieħor aktar għax jaħsbu li għandhom ċans kbir li ma jinqabdux, milli minħabba xi piena li tista' tkun inflitta fuqhom! Assolutament ma rridx ngħid li l-pieni mhux importanti - għax jiġri li ma jkunx hemm skop li wieħed isib ħtija fuq akkużat, jekk kull darba dan isib lil min jagħtih taptipa fuq dahru. L-iskala tal-pieni viġġenti hi perfettament tajba. Li jista' jsir hu, li din tiġi applikata aħjar u li min-naħa tagħna, intejbu r-rata ta' investigazzjoni u prosekuzzjoni.

Ħafna drabi, il-poplu jitlob pieni ħorox minħabba l-fatt li aħna nkunu qegħdin nidhru li mhux qegħdin inkampaw mar-rata ta' kriminalita'. Almenu hekk ikunu qegħdin jifhmu minn dak li jaqraw fuq il-gazzetti jew jisimgħu fuq il-mezzi tax-xandir. Jiġri wkoll, li l-emozzjoni pubblika tibda għaldaqstant, l-istampa tagħna tibda tidher bħala waħda imċajpra.

Iżda jingħad x'jingħad, assolutament nara li ma teżisti l-ebda kriżi għall-ordni pubbliku f'pajjiżna. Aħna nazzjon kwiet u li fil-parti l-kbira tagħna, nobdu l-liġijiet. Bħala pulizija, aħna fost il-ftit fl-Ewropa (bħal sħabna fir-Renju Unit) li ma nġorrux armi fuqna - ħlief f'xi oqsma speċjalizzati - u li ġerarkikament, il-lealta' tagħna hija lejn il-Kummissarju u l-uffiċjali tal-Korp u lejn ħadd iżjed. L-istess nistgħu ngħidu fuq l-imħallfin tagħna, li skond il-Kostituzzjoni, huma lilhinn mill-pulitika u għaldaqstant igawdu dik l-istima pubblika ta' indipendenza u imparzjalita'. Għalhekk naħseb, li aktar ma tkun effettiva l-liġi li tistabbilixxi l-verita', jew aħjar ir-responsabbilita', anqas se jkunu n-nies li jitolbu ħruxija fil-pieni. Dan jista' jiġri permezz ta' żewġ fatturi - (1) iż-żieda fin-numru ta' pulizija fit-toroq u (2) li l-kredibbilita' ta' l-akkużat tibda tinbena aktar fuq l-ispontanjeta' tal-perjodu ta' l-arrest tiegħu milli fuq il-perjodu ta' wara fejn issir ħafna riflessjoni u konsultazzjoni sakemm dan jittalla' l-qorti. Din ta' l-aħħar, għalkemm xi ftit kontroversjali, qiegħda bil-mod il-mod issib l-għeruq tagħha fil-qafas legali tagħna wkoll (*rule of inference*), iżda biex nispjega dan kollu, naħseb li jkun jeħtieġli nikteb artikolu ieħor.

Nikkonkludi billi ngħid, li ħafna nies konservattivi jaħsbu, li mhux xogħol il-pulizija li joqgħodu jitkellmu fuq il-liġi, il-qrati u l-avukati. Dan hu żball! Ixtarru sew x'qal Lord Devlin fil-kwotazzjoni tiegħu li tidher fil-bidu ta' dan l-artikolu. Tassew nemmen, li ħadd m'għandu l-jedd li jipponta sebgħu lejna biex nagħmlu wieħed mill-aktar xogħolijiet diffiċli ta' żmienna u jistenniena li ma nirraġunawx ċertu affarijiet! Il-pulizija hi ingredjent importanti ħafna fi kwalunkwe sistema ta' ġustizzja kriminali. Ovvjament, l-opinjoni tagħha mhux dejjem għandha tirbaħ, iżda nsostni, li ċertament għandha tinstama`. Jista' jkun, li hi tkun qiegħda tagħti verdett ta' minoranza, iżda s-sistema ta' ġustizzja kriminali li nħaddnu, żgur m'għandiex tkun biss suġġett t'interess għal xi sezzjoni partikolari tas-soċejta' tagħna. Għandha tkun t' interess għal kulħadd!♦

# Klieb li kienu jiffurmaw parti mill-Iskwadra tal-Klieb fi ħdan il-Korp tal-Pulizija



**PUCCHO - Kelb ta' Kontra d-Droga**

Fid-29 ta' Lulju, 2003 is-Sezzjoni tal-Klieb tal-Pulizija tilfet lil kelb Puccho li kellu 7 snin. Puccho beda l-karriera tiegħu fil-Korp f'April ta' l-1997 fl-eta' ta' sena meta kien ingħata lil Pulizija bħala donazzjoni. F'Lulju ta' din is-sena Puccho instab mitluq fil-kamra tiegħu fejn instab li kien qiegħed isofri minn uġigħ f'daħru. Wara vista li saret mill-*Vet* biex jiġi ddentifikat minn xiex qed isofri, il-kelb ingħata trattament adekwat fuq diversi jiem, li sfortunatament kien għalxejn biex b'hekk il-kelb kellu jitraqqad. Bħala *handler* u *trainer* Puccho kellu lil Pc408 Eleno Borg.



**BUCK - Kelb ta' Kontra d-Droga**

Kelb ieħor li tilef il-Korp tal-Pulizija fid-29 ta' Ġunju, 2003 huwa Buck li kien jintuża' fit-tiftix għad-Droga. Buck twieled f'Marzu ta' l-1994 u kien ġie mgħoti bħala donazzjoni lil Pulizija f'Settembru 1996. Parti mix-xogħol ta' Buck kien li jfittex u jxomm għad-Droga f'postijiet bħal l-Ajruport ta' Malta mal-membri ta' l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga kif ukoll kien jintuża' f'*roadblocks* li kienu jsiru madwar Malta. Huwa kien parti mill-Iskwadra li kienu jżuru l-Iskejjel bħala parti minn programm edukattiv mtella' mill-Pulizija kif ukoll deher f'diversi programmi fuq ix-xandir lokali. F'dan l-aħħar żmien Buck kienet qed tonqoslu l-vista sakemm spiċċa għama. Bħala *handler* u *trainer* Puccho kellu lil Pc1103 Joseph Bugeja.



**KAIZER - Kelb imħarreġ fil-protezzjoni**

Kaizer twieled fi Frar ta' l-1993 u kien mgħoti lil Pulizija fl-10 ta' Ġunju, 1994 mis-Sinjura Rose Wood li toqgħod San Ġwann. Keizer kien imħarreġ biex jagħmel xogħol ta' protezzjoni, speċjalment fejn jidħlu l-*V.I.Ps* u postijiet speċifiċi, il-*Ground* tal-futbol f'Ta' Qali, u xogħol ieħor relatat mas-Sezzjoni tal-Klieb. Keizer kellu jitraqqad minħabba li l-marda Leishmaniasis kienet fi stadju avvanzat ħafna. Bħala *handlers* u *trainers* Kaizer kellu lil Pc1255 Edwin Micallef u Pc687 B. Wood.



# Id-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali

63 Branka. Dan huwa n-nukleu li jifforma l-Korp tal-Pulizija ta' Malta, li kuljum u flimkien jikkumbattu biex iżommu l-paċi u l-ordni pubblika u jkunu ta' servizz għaċ-ċittadin. Minn din il-ħarġa ser nintroduċu l-oqsma kollha fi ħdan il-Korp bil-għan li kull membru jkun aktar konxju ta' x'tip ta' servizz jingħata.

F'din il-ħarġa ser nagħtu ħarsa lejn sezzjoni li ħafna mix-xogħol li tagħmel mą jidhirx mill-ewwel, iżda li huwa tant importanti u delikat - id-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali. Tkellimna ma' l-Assistent Kummissarju Manuel Cassar flimkien mas-Supretendent Pierre Calleja, li tawna stampa iktar ċara ta' dan id-Dipartiment.



Wpc 255 Carol Fabri
Pc 1155 Chris Mangion
CMRU

**L-Assistent Kummissarju Manuel Cassar - Min hu?**

"Kienu 34 sena twal, intriganti u nteressanti s-snin mgħoddija bħala membru fil-Korp tal-Pulizija" stqarr l-Assistent Kummissarju Manuel Cassar, inkarigat mid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali, waqt intervista fl-uffiċċju tiegħu.

Manuel Cassar daħal fil-Korp bħala Kuntistabbli fl-1969 fejn ġie stazzjonat fl-Għassa ta' Bormla. Fl-1975 ġie trasferit għall-Għassa tal-Ħamrun fejn telaq fl-1988, biex mar fl-Għassa ta' Raħal Ġdid wara li ġie promoss għal Spettur. Kien f'dan iż-żmien li l-Kummissarju Alfred Calleja introduċa l-10 Distretti tal-Pulizija kif nafuhom illum. Fl-1989, wara ftit jiem stazzjonat fl-Għassa tal-Ħamrun, ġie trasferit għad-D.I.K.. taħt is-Supretendent Anthony Borg Caruana.

Ma' dan kollu l-Korp kellu aktar pjanijiet għall-Ispettur Cassar. Fl-1995 gie appuntat bħala Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sa l-1997. Waqt li kien stazzjonat il-Ħabs ta' Kordin, fl-1996 ġie promoss għal-Supretendent u fl-1997 reġa' ġie stazzjonat il-Ħamrun sakemm f'Settembru 1998 reġa' ġie trasferit għad-D.I.K.. Fi Frar ta' l-1999 is-Supretendent Cassar għal darb'oħra ġie appuntat Direttur tal-Faċilita' Korrettiva ta' Kordin sa Ottubru tas-sena 2000, fejn imbagħad ġie promoss għal Assistent Kummissarju responsabbli mad-D.I.K.. Għalkemm is-Sur Cassar ma kienx parti mir-riorganizzazzjoni tad-D.I.K. li saret fl-1996, huwa ra kambjament kbir fid-Dipartiment, l-aktar grazzi għall-bini ta' l-uffiċji ġodda li jipprovdu ambjent aktar professjonali fejn wieħed jista' jaħdem, speċjalment meta wieħed jikkomparhom mal-kmamar żgħar, antiki u umdużi li qabel kienu jospitaw lid-D.I.K..

L-Assistent Kummissarju Cassar stqarr li l-aktar żmien ta' sfida

fil-karriera tiegħu kien meta kien appuntat bħala Direttur tal-Ħabs. L-ewwel problema li ried jiffaċċja kienet li ħafna mill-ħabsin ma kienux iniżluh wisq peress li hu kien wieħed mill-Ispetturi responsabbli ta' l-arrest tagħhom. Pero' din l-attitudni nbidlet maż-żmien. "Dak iż-żmien kienu jħarsu lejna b'lenti oħra", tbissem, "ma kellhomx opinjoni tajba dwarna, imma wieħed m'għandux iżomm lura minnħabba l-biżgħat meta wieħed ikun onest u rett f'xogħolu".

Meta kien stazzjonat għall-ewwel darba l-Ħabs, introduċa r-Regolamenti l-Ġodda tal-Ħabs, fetaħ id-*Drug Rehabilitation Unit*, intlaħaq ftehim mas-Sedqa u l-Caritas biex ħabsin li jkunu qed jiskontaw sentenzi relatati ma' l-abbuż tad-droga jkunu jistgħu jattendu programm ta' rijabilitazzjoni, u beda wkoll għall-ewwel darba s-sezzjoni taż-żagħżagħ fil-Ħabs, għalkemm b'mod limitat.

Dan ix-xogħol tkompla meta reġa' ġie stazzjonat il-Ħabs għat-tieni darba fejn ġie nawgurat il-*YOURS* (*Young Offenders Unit Rehabilitation Services*) u hu kien strumentali fl-organiżżazzjoni tar-*Remand Division*, fejn jinżammu persuni taħt arrest preventiv biex ikunu separati mill-ħabsin li jkunu qed jiskontaw sentenza. Kien hemm ukoll tisbiħ u mmodernizzar tal-kċina, ta' l-iskola u tal-post ta' viżitazzjoni.

L-Assistent Kummissarju Cassar stqarr li pero' l-affarijiet mhux dejjem mxew kif kien ippjanat speċjalment meta seħħew tliet ħarbiet mill-ħabs. Għalhekk kienet installata *anti-climb fence* madwar il-ħabs u l-*main gate house* kienet ri-jorgannizzata, biex b'hekk il-ħabs inbidel f'post ta' sigurta' akbar.


Intervista ma l-Assistent Kummisarju Manuel Cassar

L-ewwel omiċidju li l-Assistent Kummissarju Cassar affaċċja bħala Spettur kien id-delitt ta' Mary Douglas li nstabgħet mejta f'darha f'Raħal Ġdid. L-investigazzjoni ħadet żvolta meta l-persuni li ta' kuljum kienu jistennew it-trasport tax-xogħol tagħhom ħdejn id-dar tagħha kienu arrestati u l-marki tas-swaba ta' wieħed minnhom qablu ma' marka tas-swaba misjuba fid-dar tal-mara.

Dan ma kienx l-uniku każ ta' omiċidju li ħadem fuqu l-Assistent Kummissarju Cassar, għalkemm l-aktar każ għal qalbu jibqa' l-omicidju ta' Alphonse Ferriggi, li ġie solvut wara li l-Pulizija rċeviet u aġġixxiet fuq informazzjoni li waslet għall-arrest u tressiq quddiem il-Qorti ta' żewġt irġiel.

**In-nies tad-D.I.K. - Sagrifiċi u Riżultati.**
"In-nies tiegħi jħabbtu wiċċhom ma' kull tip ta' każ - serq, omiċidji, drogi, frodi, kull ħaġa li tista' tinbet minn investigazzjoni"

Id-D.I.K. bħal issa hija magħmula minn 10 Spetturi li jinvestigaw l-kriminalita' ġenerika. Din hi magħmula l-aktar minn serq, *hold-ups*, omiċidji, u xenarji b'ferimenti gravi, għalkemm ġieli l-investigazzjonijiet iwasslu għal każijiet oħra bħal drogi u frodi. Kull Spettur huwa mgħejjun minn Surġent u żewġ Kuntistabbli. Fid-D.I.K. m'hemmx membri femminili minbarra Surġenta u Kuntistabbli li huma stazzjonati fid-D.I.K. *Registry*.

L-Ispetturi li bħal issa huma stazzjonati fis-D.I.K. huma C. Magri, C. Bartolo, J. Cilia, A. Caruana, S. Valletta, D. Saliba, J. Azzopardi, M. Mallia, u C. Pullicino flimkien ma' l-Ispettur S. Mallia li huwa responsabbli mill-SVS (*Stolen Vehicles Squad*).

L-Ispettur Pullicino dan l-aħħar ġie maħtur biex jorganizza l-ewwel *Homicide Squad* fi ħdan il-Korp, fejn xogħolha huwa li tinvestiga omiċidji passati u każijiet relatati.

L-irwol ta' l-SVS hu li tassisti sezzjonijiet oħra tal-Pulizija u d-Dipartiment tad-Dwana f'investigazzjonijiet relatati ma' vetturi, partikolarment serq ta' u minn karozzi u muturi. Matul l-2002 membri ta' l-SVS wettqu 3,769 spezzjoni fuq vetturi użati li jiġu mpurtati; 4,923 spezzjoni fuq magni mpurtati u 792 spezzjoni oħra relatati ma' VIN (*Vehicle Identification Numbers*), numri tal-magni u informazzjoni oħra relatata ma' vetturi.

Apparti mill-kriminalita' ġenerika, l-Uffiċju tal-Kondotti u l-*Mobile Squad* huma wkoll responsabbilita' tad-D.I.K. flimkien mal-*Lock-Up* li għadda taħt ir-responsabilita' tad-D.I.K. fl-2002.

**L-istampa - Kritika u Informazzjoni.**
Wara l-allegazzjonijiet li dehru f'ġurnal lokali li fi ħdan id-D.I.K. tirrenja apatija, nuqqas ta' ħeġġa' u moral baxx l-Assistent Kummissarju Cassar ċaħad dan kollu. In-nies tiegħu huma nies dedikati u jagħtu aktar milli huwa mistenni minnhom.




*Do your Christmas shopping at the Embassy Complex and win 2 free flights to London every week until Christmas. It's easy... and it could be you!*

*Six cinema screens, a food court, great shopping and entertainment areas. All in one place and open all day, in the heart of Malta's cultural and shopping capital.*

***Films, food, shopping & entertainment at the Embassy, where else!***

THE EMBASSY CHRISTMAS COMPETITION - 1ST TO 27TH DECEMBER, 2003

the Embassy
*...where else!*

*ST.LUCIA STREET, VALLETTA. Tel: 21222225*
*www.embassycomplex.com.mt*

Qabel ma' wieħed jikkritika lil dawn in-nies bħala nies b'nuqqas ta' entużjażmu u moral baxx, wieħed għandu jaħseb fis-sagrifiċji li dawn in-nies jagħmlu, fil-ħinijiet twal li jqattgħu x-xogħol u bogħod mill-familji tagħhom sabiex jaqdu dmirijiethom. "L-esperjenza għallmitni li l-aħjar huwa li tinjora dawn it-tip ta' kitbiet u artikli, dan huma ħela ta' spazju u insult għall-intelliġenza tagħna" qal, "għalkemm in-nies tiegħi kienu urtati b'dawn l-allegazzjonijiet, aħjar tinjora ċerti dikjarazzjonijiet milli tibda battibekk ma' ċerti ġurnalisti".

Il-membri tad-D.I.K. iżommu l-aħjar relazzjoni possibbli mal-maġġoranza tal-membri tal-media lokali. Il-ġurnalisti ġeneralment ikunu mmexxija mis-sorsi tagħhom, imma rari jikkonfermaw dawn ir-rapporti għax jibżgħu li jitilfu l-esklussivita' ta' l-aħbar li jkollhom. "L-Ispetturi fi ħdan id-D.I.K. għandhom istruzzjonijiet ċari biex jikkoperaw bi sħiħ mal-membri tas-C.M.R.U., għaliex huwa xogħolhom li jżommu lill-ġurnalisti milli jfixklu lill-membri tad-D.I.K. waqt xogħolhom speċjalment fuq ix-xeni tad-delitt".

"Naqbel perfettament ma' l-importanza li l-istampa tkun infurmata bil-każijiet u l-ħidmiet tagħna, pero' din l-informazzjoni għandha tiġi mgħoddija miċ-*channels* uffiċjali tas-C.M.R.U. biex b'hekk l-informazzjoni tkun aktar preċiża u kkontrollata – ġieli tlett ġurnali differenti jidhru li jkunu qed jirrappurtaw tlett każijiet differenti. L-akbar żball li ġieli jagħmlu l-investigaturi kif ukoll il-ġurnalisti hu li ma jużawx is-sors ċentralizzat ta' l-informazzjoni. Dan is-sors ikun f'pożizzjoni li jipprovdi informazzjoni li wieħed ikun jista' joqgħod fuqha, imma wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li informazzjoni aktar minn dik neċessarja biex wieħed ikollu stampa bażika tas-sitwazzjoni hija ġeneralment ta' dannu għall-investigazzjoni. Dik kienet l-idea u d-dmir tas-C.M.R.U. u allura huma għandhom ikunu li jillinkjaw lid-D.I.K. ma' l-istampa u mhux membri oħra li jaġixxu fuq inizjattiva personali.

**Supretendent Pierre Calleja**

"Il-ħolma tiegħi hija li bħala poplu jkollna viżjoni iktar ċara ta' *crime prevention* fil-lokalitajiet tagħna biex inkunu f'pożizzjoni aħjar li nikkumbatu l-kriminalita`".



Intervista ma s-Supretendent Pierre Calleja

Is-Sur Pierre Calleja daħal fil-Korp tal-Pulizija f'Novembru ta' l-1987 fil-grad ta' Kuntistabbli. Laħaq Spettur sentejn wara u serva f'diversi Branki tal-Korp fosthom fid-Distrett tal-Mosta, fit-Taqsima tat-Traffiku u fl-istess D.I.K. u fis-sena 2000 laħaq Supretendent tad-Dipartiment.

Għalkemm ma' ħafna is-Sur Calleja huwa meqjus bħala persuna riservata u ta' ftit kliem, huwa bniedem mimli riżorsi. Kien ta' nteress li qabel bdejna bl-intervista staqsejtu fuq l-esperjenza li kellu meta kien jilgħab il-futbol mat-tim ta' Sliema Wanderers fis-snin tmenin kif ukoll meta kien *goalkeeper* riserva fit-tim Nazzjonali. Bid-daħka prova jevita l-mistoqsija, għalkemm stqarr li kien perjodu sabiħ f'ħajtu.

Mistoqsija li forsi tgħaqqad bosta fatturi flimkien kienet it-tip ta' relazzjoni li teżisti bejn id-Dipartiment tad-D.I.K. ma' dik tas-C.M.R.U. u l-ġurnalisti, meta suppost il-leħen uffiċċjali tal-Korp huwa s-C.M.R.U.

Is-Sur Calleja sostna li d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali huwa dipartiment ftit iktar sensittiv minn Branki oħra fi ħdan il-Korp. Jagħmlu sensittiv il-fatt li wieħed irid joqgħod attent ħafna x'tip ta' informazzjoni joħroġ għax din l-informazzjoni tista' tkun ta' detriment għall-investigazzjoni. Huwa sostna li hu mportanti li kull informazzjoni tingħata f'*timing* adattat.

Huwa ġab eżempju ta' meta kien fuq kors ġewwa Hendon, l-Ingilterra, liema kors fost bosta oqsma kien tratta kif wieħed għandu jikkomunika mal-ġurnalist f'każ ta' reat serju, bħal omiċidju, serq, eċċ. Fil-każ ta' Malta, s-Sur Calleja sostna li għalkemm konna ntroduċejna l-*Press Briefing*, fl-opinjoni tiegħu din ma ħaditx l-istruttura li suppost kellha tieħu. Għaliex? Hu jemmen li fi *press briefings* ta' dan it-tip, għandu jkun hemm numru limitat ta' nies fuq il-panel. Bażikament għandu jkun hemm *Press Officer* professjonali u fejn ikun jirrikjedi jkun hemm ukoll *Senior Investigating Officer*. Il-*Press Officer* irid ikollu l-informazzjoni kollha neċessarja, sa ċertu parametri, fuq dak li jista' jgħid. Meta jiġi ndirrizat b'domandi li ma jistgħax iwieġeb għalihom, ma fiha xejn ħażin li jgħid li ma għandux aktar dettalji x'jagħti.

Ovvjament ma jfissirx li ma jkunx jista' jagħti dawn id-dettalji fi stadju




BALLUT BLOCKS LTD. WIED FILEP, L/O NAXXAR
TEL: (356) 2157 3093, 2157 2666 FAX: (356) 2157 5562

ulterjuri matul il-kors ta' l-investigazzjoni u forsi l-iżball li kien qiegħed isir huwa li mhux dejjem il-każ jibqa' jiġi segwit kif suppost, issir il-*Press Conference* u l-affarijiet jieqfu hemm. Meta per eżempju għandek omiċidju u għandek riżultat, u li ser tressaq lil xi ħadd il-Qorti, għaliex ma għandiex tissejjaħ *Press Conference* oħra biex kullħadd ikollu l-istess informazzjoni u b'hekk il-media tinżamm aġġornata b'dak kollu li jkun sar.

Mistoqsi għaliex ħafna drabi naraw informazzjoni differenti fuq l-istess każ fil-ġurnali lokali, is-Sur Calleja sostna li huwa għalhekk tajjeb li terġa' tiġbor lil ġurnalisti u tinfurmahom b'dawk l-iżvillupi li jkunu seħħew. Minn hawnhekk ħareġ il-punt li meta Korp għandu s-sors uffiċċjali tiegħu li jaħdem dirett mal-ġurnalisti, huwa nġust li jkollok l-istess ġurnalisti li jkollhom kuntatt fuq bażi personali dirett ma' l-Uffiċjal li qed jinvestiga.

**Ix-xogħol innifsu x'joffri lil dawk il-membri li jaħdmu fi ħdan id-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali**

Id-Dipartiment għandu forza ta' 42 persuna li kull wieħed għandu missjoni x'jaqdi. Wieħed jista' jgħid bl-akbar sodisfazzjon li għalkemm ix-xogħol innifsu jirrikjedi ħafna sagrifiċċji, xorta n-nies jaħdmu b'determinazzjoni u passjoni liema bħala. Bħal f'kull qasam ieħor kulħadd ikollu l-problemi tiegħu, pero' nistgħu ngħidu li bħala Dipartiment dejjem inġibed ħabel wieħed. Naturalment m'aħniex perfetti u minn żmien għal żmien dejjem ikun hemm xi affarijiet li wieħed ikun jista' jimmiljora.

Mistoqsi jekk wasalx iż-żmien li kull min jiġi trasferit id-D.I.K għandux jingħata xi taħriġ speċifiku, is-Sur Calleja qabel li peress li d-dipartiment iħħabat wiċċu ma' diversi xogħolijiet u s-sensittivita' tiegħu, iva għandu jingħata taħriġ speċjalizzat lil kull min ikun ser jingħaqad fl-iskwadra tad-D.I.K.. L-għan wara dan huwa li biex joħroġ riżultat mixtieq, il-persuna trid tkun imħarġa tajjeb minn kull lat.

Kull persuna fi ħdan id-D.I.K., irrispettivament mill-grad, jinvestiga, jarresta, jistħarreġ - ma jfissirx li għax huwa Kuntistabbli ma jistgħax jinvestiga. Anzi dan għandu rwol importanti daqs dak ta' Surġent u Spettur. U għalhekk il-ħabel irid jinġibed fl-istess direzzjoni minn kullħadd. Iċ-ċans qed jingħata lil kullħadd indaqs - l-inizjattiva murija ma tinqatilx. Infatti, isiru *Briefing u de-briefing* biex kullħadd ikun jaf x'sar tajjeb jew ħażin.

Fuq dan l-aspett, is-Sur Calleja sostna li fl-opinjoni tiegħu *the finest hour* tad-Dipartiment kienet waqt l-investigazzjoni tal-qtil tal-kollegga tagħna Roger Debattista, meta kellek prattikament lil kull investigatur jaħdem lejl u nhar fuq il-każ. Ix-xogħol sar bl-akbar mod effiċjenti, bil-għaqal, u kull biċċa nformazzjoni nqasmet ma kullħadd biex kullħadd ikollu l-istess stampa tal-każ.

Mistoqsi kif iħossu taħt il-lenti tal-ġurnalisti, is-Sur Calleja qalilna li għandu rriżervi tiegħu. Dan għaliex mhux dejjem jaqbel ma' dak li jinkiteb. Il-ġurnalist għandu kull dritt li jikteb li jrid, il-professjonalita' pero' titlob li dan irid jikkonsulta sew qabel ma jgħaddi l-messaġġ tiegħu.

Fattur importanti huwa li l-etika trid teżisti kullimkien, ma jistgħax ikun li aħna (bħala Korp) niġu attakati u minn naħa tagħna ma nistgħux nikkumentaw lura, dejjem b'mod kostruttiv, biex niġġustifikaw xogħolna.

Matul l-intervista deher ċar li s-Sur Calleja ma jarax biss l-esiġenza tax-xogħol tiegħu ta' l-uffiċju, imma wkoll jara kif jista' jkun ta' kontribut dirett għas-soċjeta'. Għalih l-aħjar arma kontra l-kriminalita' hija bbażata fuq x'tip ta' edukazzjoni ċ-ċittadin qed jingħata. Huwa sostna li forsi baqa' ħafna xi jsir dwar il-prevenżjoni tal-kriminalita'. Jista' jkun li dan hu dovut għat-tip ta' kultura li aħna mdorrijin fiha li donnu hu diffiċċli biex iddaħħal ċertu mentalita' fil-pubbliku in-ġenerali. Eżempju ta' dan hu li donnu l-poplu jħares lejn il-kriminalita' bħala problema tal-Pulizija biss meta fil-verita' hi problema ta' kulħadd. Il-kunċett ta' *crime prevention* tista' tiġi mħaddma mhux biss mill-Pulizija, imma wkoll mill-NGO's, għaqdiet u entitajiet oħra madwar Malta kif ukoll mil-pubbliku in-ġenerali. Il-Pulizija ma tistgħax tkun kullimkien fl-istess ħin, u għalhekk huwa mportanti li kullħadd jagħti l-parti tiegħu. Biex pass bħal dan iseħħ trid tiġi ddentifikata struttura ta' x'hemm bżonn isir, toħroġ fuq proġett pilota biex tara jekk il-funzjoni tagħha nqdietx, imbagħad skond ir-riżultati taħdem.

Il-kontribuzzjoni tad-D.I.K. jista' jkun akbar għal fatt li jista' jiġi ddentifikat it-tip ta' reat li qed iseħħ f'lokalita' partikolari li magħha qed jitħaddem il-proġett - kif qed jiġi operat ir-reat, u x'wieħed għandu jagħmel biex jiġġieled dan ir-reat.

L-aħħar mistoqsija li għamilna lis-Sur Calleja kienet jekk hux qed isir xogħol doppju meta każ jiġi riferut lilhom minn naħa distretwali, meta dan jista' jibda u jispiċċa fid-Distrett. Huwa jaqbel li jekk każ beda fid-Distrett dan għandu jibqa' jinħadem hemm, għax hemm nies kapaċi biżżejjed biex jagħmlu dan. Ma jfissirx li jekk xi ħadd għandu bżonn l-assistenza dan ma għandux jikkomunika mal-membri tad-D.I.K., anzi jekk isir dan tkun qed tinqata' d-distinzzjoni li sfortunatament kultant teżisti bejn il-membri tad-Distrett u dawk tad-D.I.K.♦

# Spetturi fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali



**Spettur Godfrey Azzopardi**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fit-13 ta' Lulju, 1999 bħala Uffiċjal Kadett fejn fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, u fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Charles Bartolo**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-4 ta' Mejju, 1992 bħala Uffiċjal Kadett fejn fl-1994 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat mad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Angelo Caruana**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-14 ta' Diċembru, 1979. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, fil-*Garage* tal-Pulizija, fid-Dipartiment ta' Kontra l-Vizzji, kif ukoll fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali. Fl-1985 laħaq Surgent fejn serva fid-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali, waqt li fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Jeffrey Cilia**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fit-3 ta' Frar, 1992. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fis-*Security Branch*, fejn fl-1997 laħaq Surġent u serva fl-Iskwadra ta' Kontra d-Droga. Fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Charles Magri**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fil-25 ta' Frar, 1985. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fis-*Security Branch*, u l-Uffiċju taċ-¬itazzjonijiet tal-Pulizija. Fl-1986 laħaq Surġent u serva fl-Għasses ta' B'Bugia, il-Belt, il-Mosta u dik ta' San Ġiljan. Fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Michael Mallia**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fil-21 ta' Mejju, 1990. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fl-Iskwadra ta' l-S.A.G. u l-Għassa ta' Bormla. Fl-1997 laħaq Surgent, waqt li fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Stephen Mallia**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fil-5 ta' Lulju, 1986. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment tal-Liċenzji, fl-Iskwadra Mobbli, id-Distrett ta' Tas-Sliema, l-Mosta, kif ukoll il-Ħabs. Laħaq Sugent fl-1991 u serva fl-Għassa ta' B'Buġia, Msida, l-Mosta u bejn l-1993 u s-sena 2000 serva ġewwa l-Akkademja tal-Pulizija. Fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Chris Pullicino**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fit-30 ta' Ġunju, 1994. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fid-Dipartiment ta' Kontra l-Vizzji, fil-*Lock Up*, l-S.A.G., B'Kara, u fit-Taqsima tat-Traffiku. Fl-1999 laħaq Surgent fejn serva fit-Taqsima tat-Traffiku u fl-Għassa ta' B'Kara, waqt li fis-sena 2000 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fis-sena 2001 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur David Saliba**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-10 ta' Diċembru, 1984. Serva fi grad ta' Kuntistabbli fis-*Security Branch*, u li dak iż-żmien kien magħruf bħala l-*Water*. Fl-1984 laħaq Surġent u serva fl-Għases ta' Raħal Ġdidu, Rabat, Zebbuġ u Bormla. Fis-sena 2000 beda kors ta' Uffiċjal Kadett, fejn fis-sena 2002 laħaq Spettur fejn ġie stazzjonat mad-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.



**Spettur Silvio Valletta**

Daħal fil-Korp tal-Pulizija fl-4 ta' Mejju, 1992, bħala Uffiċjal Kadett fejn fl-1993 beda kors ta' Ufficjal Kadett, fejn fl-1995 laħaq Spettur fejn serva fl-Għassa tal-Ħamrun u dik tar-Rabat, fit-Taqsima ta' l-Iskwadra Mobbli u fl-1 ta' Jannar, 2003 ġie stazzjonat d-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali.

# Supretendenti li mexxew id-Dipartiment ta' l-Investigazzjonijiet Kriminali


Joseph E. Bencini
11-05-56 sa 28-05-61


Alfred Lanzon
15-05-61 sa 2-11-63


Charles J. Coppola
15-04-64 sa 28-07-64


Gregory Scicluna
29-07-64 sa 25-11-65


Lewis M. Micallef
25-11-65 sa 20-06-71


Edward Bencini
21-06-71 sa 19-06-72


Joseph A. Cachia
4-09-72 sa 14-10-73


John A. Cachia
15-10-73 sa 6-08-76


Ernest Spiteri
9-08-76 sa 9-12-80


Guido Muscat
4-05-81 sa 11-04-82


Carmel Bonello
12-04-82 sa 27-01-85


Joseph Psaila
24-06-85 sa 31-08-88


Anthony Borg Caruana
1-09-88 sa 4-05-90


Joseph Cachia
10-09-90 sa 15-09-96


John Rizzo
18-09-96 sa 24-06-97


Bartholomeo Mula
8-01-98 sa 9-08-98


Emmanuel Cassar
15-09-98 sa 4-03-99


Pierre Calleja
13-09-2000 sa llum




# Alfred Debattista

## Rebbieħ tal-Premju l-Anzjan tas-Sena 2003



Wpc 93 Carol Fabri
CMRU

Twieled fl-1937, għandu żewġt itfal u għandu erba' neputijiet. Serva fil-Korp tal-Pulizija ta' Malta mill-1956 sa' l-1979. Serva f'diversi branki tal-Korp, bl-aħħar waħda tkun dik tat-Traffiku meta kien l-Ispettur inkarigat. Fl-1981 inħatar bħala *Security manager* ma' Bank lokali u minn hemm qatt ma' ħares lura. Din ir-*resume* ma' hija ta' ħadd ħlief is-Sur Alfred Debattista li dan l-aħħar rebaħ l-unur ta' l-Anzjan tas-Sena 2003.

Għalkemm is-Sur Debattista huwa persuna attiva f'bosta organizazzjonijiet, xorta waħda għadu attiv fil-Korp tal-Pulizija. Huwa jżomm il-kariga ta' Assistent Segretarju u P.R.O. fi ħdan l-Għaqda Pensjonanti tal-Pulizija, fejn il-ħolma tiegħu hija li jżomm lil kull Pulizija fl-għaqda aġġornat b'dak kollu li jkun għaddej.

Mistoqsi jkollu jqabel ix-xogħol li kien jagħmel fil-Pulizija ma' dak li kellu l-Bank, bid-daħqa wieġibna li mal-Pulizija irrilevanti l-limitazzjonijiet kollha li wieħed kien jiltaqa' magħhom fuq il-post tax-xogħol dan xorta waħda kien isir, u jsir b'ċerta dedikazzjoni. Filwaqt li meta kien il-Bank, kulturalment u soċjalment dawn kienu differenti. Il-preċedenza fix-xogħol tal-Pulizija xi kultant kienet tiġi qabel il-familja, u din huwa kien iħossa ħafna.

Iħoss ħafna n-nuqqas tal-Pulizija fuq il-*beat* fejn fi żmienu kien il-punt strateġiku mas-soċjeta'. Kien hawnhekk li l-Pulizija kienet tħoss il-polz tas-soċjeta' u kien f'pożizzjoni aktar favorevoli li jipprevedi u ċerti reati milli jseħħu. Illum il-ġurnata m'għadekx tara s-Surġent ta' l-Għassa jagħmel id-*debriefing* tal-ġurnata lill-kuntistabbli li jkunu ħerġin għar-ronda tagħhom. Jiftakar li kull kuntistabbli kien jirraporta fiżikament lura l-Għassa b'dak kollu li jkun iltaqa' miegħu fil-*watch*. Dak iż-żmien kellek ir-*rank* ta' Maġġur li kien iservi ta' *go-between* mal-bqija tar-rankijiet.

Jammetti li x-xogħol ma' għadux l-istess bħal ma kien fi żmienu. Il-kriminalita' kibret, ċerti ċirkostanzi nbidlu mal-milja taż-żmien, kif ukoll il-ħajja soċjali ma tippermettix li nibqgħu trankwilli.

Pero' din l-intervista ma xtaqniex li tkun iffukata biss fuq xogħol li għamel is-Sur Debattista fil-Korp tal-Pulizija, imma xtaqna nidħlu wkoll fl-aspett soċjali ta' ħajtu. Huwa Fundatur u President tat-*Transplant Support Group*. Kien permezz tax-xogħol li jagħmel f'din l-għaqda li ġie nominat għal Unur ta' l-Anzjan tas-Sena. Huwa qatt ma stenna li jirbaħ dan l-Unur u jixtieq li jinsab f'pożizzjoni li jista' jaqsmu ma' kulħadd. Ix-xewqa tiegħu hija li jkun hawn iżjed informazzjoni għar-rigward ta' donaturi tal-qalb, tal-kliewi kif ukoll tar-retina. Huwa fattur importanti li kulħadd ikun jaf li jista' jsalva ħajja. Huwa jsostni li l-isbaħ prevenzjoni hija l-edukazzjoni - edukazzjoni li kulħadd ikun jaf li jista' jsalva ħajja.

Ħaġa li affaxinatna matul l-intervista hija li għalkemm s-Sur Alfred Debattista ilu nieqes mill-Korp xorta għadu jħossu parti integrali minnu. Mistoqsi jekk l-anzjani għandhomx jagħtu kontribut lil Korp, s-Sur Alfred Debattista sostna li għalkemm l-eta' hija kemmxejn kontra tagħhom, xorta waħda jemmen li l-esperjenza li għandhom l-anzjani jistgħu jittrasmetuha lil Pulizija żgħar waqt xi korsijiet li jkunu għaddejin fl-Akkademja tal-Pulizija.♦





Supt Pietru Pawl Zammit
Prosecution Unit

# Ħtieġa li l-Korp jorganizza ruħu

## l-Għodda, għodda.

Minn tfuliti kont nisma lil missieri jgħid dawn iż-żewġ kelmiet, l-għodda għodda, u sa kemm kbirt fil-ħanut tal-mastrudaxxa tiegħu domt ftit ma tgħallimt x'ried jgħid biha. Meta bdejt nifhem aħjar l-għajdut ta' missirijietna fhimt aħjar kemm huwa mportanti li torganizza l-għodda tiegħek sew. Fhimt aħjar it-tifsira moħbija li l-għodda tużaha skond il-fini tagħha. Sabiex tagħmel toqba la tużax turnavit minflok furmatur, mhux għax ma tagħmilx toqba, iżda għax ix-xfar tat-toqba ma jkunux puliti u għaldaqstant ser ikollok tuża għodda oħra, taħli l-ħin u dak li l-Ingliżi jsejħulu *elbow greaze* sabiex dak li għamilt tirfinah. Dan l-għajdut Malti fis-sempliċita' tiegħu servieni matul il-ħajja tax-xogħol u dik privata billi permezz tiegħu żvilupajt *management skills* li bihom nagħraf il-validita' tal-ħaddiem u nħaddem lill-istess ħaddiem bl-aktar mod effiċjenti.

Dan huwa prinċipju li nixtieq li jiġi addottat aktar fil-Korp tal-Pulizija u dan sabiex jiġu evitati problemi, ħela ta' ħin, riżorsi mitlufa u frustrazzjoni lill-membri tal-Korp. Huwa wkoll prinċipju elementari li l-liġi tgħabbi lil kull membru tal-Korp bl-istess responsabiltajiet legali u għaldaqstant kull membru tal-Korp għandu jkun preparat sabiex ikun fejn ikun, ikunu xi jkunu ċ-ċirkostanzi, dan irid jgħati s-servizz skond il-liġi u b'ċerta uniformita' legali. Din hija r-raġuni prinċipali għall-eżistenza ta' l-Akkademja tal-Pulizija, u ċioe' dak li tipprepara b'mod kontinwu lill-membri kollha tal-Korp jilħqu l-preparament legali fuqhom impost. Iżda li sempliċiment tkun taf x'tgħid il-liġi mhux biżżejjed, trid tkun fi stat li dak li titolbok il-liġi taf tużah. Mhux biżżejjed li jkollok l-għodda misnuna u nadifa kif suppost trid titgħallem tużaha.

Hawn tidħol il-kapaċita' individwali, dik li tgħodd l-għodda. Kull persuna huwa ndividwu, bil-kapaċitajiet u nuqqasijiet individwali tiegħu. Nibdew għaldaqstant mill-prinċipju li biss biex dħalt u sibt ruħek ingaġġat fil-Korp, għaddejt minn bord ta' selezzjoni, tajjeb jew ħażin, wasalt u ġejt magħżul. Hawn għandu jibda l-proċess ta' selezzjoni li jinkanala lill-persuna f'dik il-linja li l-kapaċitajiet u nklinazzjonijiet naturali tagħha tagħmlu l-aħjar adatat għalihom. Bħal kull sengħa u vokazzjoni l-Pulizija għandha ċerti parametri ta' adottabilita' b'dan illi mhux kullħadd huwa addattat sabiex jaħdem fil-branki kollha tal-Pulizija. Iżda la darba int wasalt sabiex tiġi aċċettat/a li tagħmel parti mill-Korp issa sta għalik personalment li tin-grana fil-vokazzjoni li int għażilt. Il-Pulizija m'huwiex *just another job* iżda huwa vokazzjoni li għaliha trid tkun preparat/a u jkollok il-kapaċitaji-

et bażilari rikjesti, trid tkun l-inklinazzjoni naturali u personali tiegħek li twasslek biex taħdem ta' Pulizija u mhux sempliċement għax dak sibt bħala mpjieg, jew għax qed timxi fuq il-passi ta' xi ħadd li tammira jew tal-familja. Hawn *si tratta* verament ta' dak li l-anzjani jsejħulu l-*amor* proprju għax-xogħol. Mingħajr dan ir-rekwiżit ser tkun biss Pulizija għan-numru.

Iżda ħafna drabi dan l-*amor* proprju ma titwelidx bih u lanqas ma takwistah qabel ma tibda taħdem ta' Pulizija, iżda jiġik maż-żmien meta int tibda verament tħobb lill-Pulizija. Pulizija ma ssirx sempliċement għax ħadt il-ġurament ta' ħatra, Pulizija issir maż-żmien, bl-esperjenza u bl-applikazzjoni tiegħek għax-xogħol li dħalt għalih, hekk biss issir Pulizija ta' vera. Kif wara kollox kull professjonist fis-sengħa tiegħu isir vera professjonist, mhux bl-iskola jew tagħlim imma bil-prattika u l-*amor* proprju f'dik is-sengħa jew vokazzjoni.

Il-fakulta` tal-Korp illum hija waħda unika fis-sens li għandek *spectrum* varjat immens ta' kapacita', esperjenza u nies minn kull ambjent tal-ħajja. Ngħid li hija fakulta` enormi fis-sens li hija rieqda u m'hiex utilizzata, fil-fehma personali tiegħi, sal-punt massimu tagħha. Jiena nara u mmis il-ħafna talenti li għandna fil-Korp, mhux biss dawk artistici, imma talenti fix-xogħol, fil-kampijiet diversi ta' xogħol li l-Korp huwa kostrett jidħol fihom minħabba n-natura soċjali tax-xogħol tal-Pulizija. Għandna l-għodda biex naħdmu, u għodda diversa biex tagħmel xogħlijiet diversi. L-akbar problema hija li tqabbel l-għodda li għandek max-xogħol li trid li tagħmel u dan huwa l-ewwel sinjal tal-*kapo mastro*. L-imgħallem huwa dak li jaf jutilizza l-għodda għall-aħjar mod possibbli biex minnha jieħu l-aħjar riżultat u biha jikkreja opra tajba jekk mhux ukoll artistika. Żgur li m'hiex opra tajba li traqqa' l-pannu bil-qara aħmar. Iżda ħafna drabi nħoss li dak huwa proprju li qed isir fil-Korp. Dan ħafna drabi jiġri minħabba nuqqas ta' Ipjannar fit-tul, mhux dejjem tort ta' xi persuna f'dik il-kariga, iżda ħafna drabi tort taċ-ċirkostanzi li jiġru bina u dan għas-sempliċi fatt li l-Pulizija hija l-ewwel bastjun li miegħu trid taħbat kull problema soċjali kemm jekk hija waħda familjari kemm jekk hija waħda ta' ordni pubblika, għax il-muġugħ għand it-tabib ser jmur u ċ-ċittadin tgħallem sew li kull problema li jista' jkollu jmur biha għand il-Korp biex jekk ma jistax jgħinu direttament dan jindirizzah fejn jista' jmur. Dan wara kollox huwa wkoll obbligu legali li ġie ċċarat u minqux fil-Korp tal-liġijiet tagħna u mperreċ b'mod inekwivokabbli fl-Artikolu 4(f) tal-kap 164, (Att dwar il-Pulizija) li jgħid espressament hekk:

*L-oġġettivi prinċipali tal-Korp huma: li jgħin, f'limiti raġonevoli, lil kull persuna li tkun qed tfittex l-għajnuna ta' Pulizija jew xi uffiċjal pubbliku ieħor, ukoll jekk ir-responsabbilita' biex fl-aħħar mill-aħħar tiġi provduta dik l-għajnuna ma' tkunx tappartjeni lill-Korp.*

Għaldaqstant sabiex naqdu dan id-dover tagħha irridu nkunu mgħallma sew il-varjeta' ta' liġijiet li jolqtu lilna u liċ-ċittadin. Irridu niġu mgħallma sew it-tħaddim tagħhom u rridu bħal kull għodda misnuna tajba, niġu wżati tajjeb biex dak li minnha huwa mistenni jsir sewwa. Il-bżonn ta' organizzazzjoni tal-Korp li ma tħarisx lejna bħala numru (għadd) iżda bħala ndividwi bil-kapaċitajiet personali tagħna (għodda) huwa dak li jiena qed nivvoka minn din il-kitba. Il-bżonn li l-kapaċitajiet individwali jiġu ndividwati (kif fill-fatt kien qed iseħħ bi programm ta' evalwazzjoni li kien ġie mniedi) u insegwitu il-Korp jintegra ruħu mas-soċjeta' billi jipprovdi l-aħjar persuna sabiex din taqdi il-bżonnijiet partikolari skond iċ-ċirkostanzi partikolari. Dan huwa aġġornament intern tal-Korp li jwassal lill-Korp li jirrispondi għas-sejħiet soċjali li jsirulu u li għalihom huwa dovut jirrispondi.

Tali aġġornament ma jistax pero' jseħħ jekk il-Korp ma jingħatax il-fakulta` li jagħmilhom u ma jingħatax il-mezzi finanzjarji sabiex jara li dawn iseħħu. Hemm bżonn ta' bidla fil-mentalita' li tħares lejn riżultati numeriċi astratti u li ma tirriflettix il-vera prodott tal-Pulizija, dak li tħares il-kwiet u l-paċi pubblika li minnu nnifsu ma tistax tistabbilixxih numerikament bis-sistema preżenti ta' statistika. Hemm bżonn ta' sistema ta' akkontabilita' li tħares lejn il-prodott mixtieq u lejn l-akkwist *o meno* tiegħu fir-realta' tas-sitwazzjoni u b'parametri wiesa' ferm aktar minn dawk tradizzjonali. Hemm bżonn ta' *management* modern b'viżjoni moderna lejn l-akkontabilita' tal-Korp u dan ma jistax iseħħ jekk il-mezzi lill-Korp ma jingħatawlux. Kif diġa aċċennajt dawn huma mezzi primarjarment finanzjarji, sekondarjarment kwantitattivi u cioe' numru adekwat ta' *personnel* fir-rankijiet rispettivi, u terzjarment u finalment mentalita' progressiva li trid li dak li qed jiġi propost verament iseħħ. Għaldaqstant għandhom jiġu ffissati termini ta' diskussjonijiet u implimentazzjoni ta' deċiżjonijiet li jkunu jinkombu b'responsabilita' diretta kemm politika u kif ukoll dipartimentali. Il-viżżjoni fil-Korp tal-Pulizija trid tkun waħda aġġornata u waħda li tħares `il quddiem bis-serjeta' u bis-serenita'. Is-serjeta' trid tibda fl-għażla u fl-irqamar ta` l-għodda preżenti u timxi lejn il-kwalita' ta' l-għodda futura dejjem li tħares lejn dak li għalih trid tasal u ċioe' tagħti l-aħjar servizz liċ-ċittadin, servizz li barra li huwa mistħoqq huwa uniku u ma hemmx alternattiva għalih.♦

THE GLOBAL GROUP

**The best of health and care**

# "Planning for good health today and tomorrow is easy when you think about it"



**www.bupamalta.com**

From the moment you are born, your wellbeing is in the hands of other people. As you get older, your health continues to be vital to your everyday life. Over 4,000,000 members worldwide, rely on BUPA to look after their health insurance needs. For more details on all BUPA HEALTH CARE SCHEMES kindly contact us on **21 342 342**.

**Trust us to care.**

BUPA Malta

**BUPA Agencies Ltd.**
120 The Strand · Gzira GZR03 · Malta
Tel: [+356] 21 342 342 · Fax: [+356] 21 333 100
E-mail info@bupamalta.com
www.bupamalta.com

BUPA Agencies Ltd is authorised to act as an insurance agent under the Insurance Business Act, 1998 for BUPA Insurance Ltd in the class of sickness insurance and in long term business on behalf of British American Insurance Co. (Malta) Ltd.




# Ħatriet ta' Assistenti Kummissarji u Supretendenti fil-Korp tal-Pulizija

F'ċerimonja li saret nhar l-Erbgħa 26 ta' Novembru, 2003 fl-Officers Mess ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana, il-Ministru Tonio Borg fil-preżenza tal-Kummissarju tal-Pulizija John Rizzo, ta l-ittra ta' ħatra lil żewg Assistenti Kummissarji kif ukoll lil disa' Supretendenti.

Is-Supretendenti Paul Debattista u Paul Sammut inħatru Assistenti Kummissarji filwaqt li l-Ispetturi Peter Paul Zammit, Neville Aquilina, Neil Harrisson, Neville Xuereb, Alexander Gatt, Alexandra Mamo, Edward Mangion, Pio Pisani, Paul Camilleri inħatru Supretendenti.

Alexandra Mamo hija l-ewwel Supretendent mara fil-189 sena li ilu mwaqqaf il-Korp tal-Pulizija.

Fid-diskors tiegħu l-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija is-Sur John Rizzo qal li dawn il-ħatriet kienu qed isiru biex jimtlew postijiet vakanti, kif ukoll biex il-Korp ikun aktar attrezzat għal ħtiġiejiet u ż-żminijiet tal-lum.

Il-Kummissarju spjega li dawn il-ħatriet saru sabiex jintlew il-postijiet vakanti għal Assistenti Kummisarji fir-Regjun B kif ukoll dawk għal Supretendenti fit-taqsima ta' Kontra d-Drogi, fit-taqsima ta' Kontra l-Frodi, fis-sezzjoni ta' l-Immigrazjoni u ukoll dawk il-postijietli ġew vakanti wara l-ħatra taż-żewg Assitenti Kummisarji ġodda.

Il-Kummissarju kompla jgħid li l-Korp bħal kull istituzzjoni oħra, kull tant żmien irid jiġġeded biex b'hekk ikun jista' jaqdi l-ħtiġijiet mitluba minnu. Barra minn hekk f'lejliet is-sħubija ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja fil-Korp qed tinħass il-ħtieġa li jinfetħu taqsimiet ġodda. Din is-sena diġa' infetħu diversi taqsimiet speċjalizzati bħal Money Laundering Unit, is-Cyber Crime Unit u d-Data Protection Unit. Fil-futur qrib ser jinfetħu taqsimiet oħra bħal Europol Unit, is-Sirene Office u l-Eurodac.

Is-Sur Rizzo, żied li b'dawn il-ħatriet il-Korp barra li ser ikollu struttura aħjar se jkun ukoll attrezzat aktar fil-ġlieda tiegħu kontra l-kriminalita'.

Il-Kummissarju ikkonkluda billi awgura suċċess lil membri promossi f'dawn il-ħatriet u ħeġġiġhom biex ikunu ta' mudell eżemplari għall-membri tal-Korp subalterni tagħhom li minnhom ser ikunu responsabbli.

Fid-diskors tiegħu l-Ministru tal-Ġustizja u l-Intern Dr.Tonio Borg, stqarr kif illum il-pajjiżi kollha huma affaċjati b'fenomenu ta' kriminalita' aktar organizzata u kumplessa li hi mifruxa fuq skala internazjonali. Din it-tip ta' kriminalita' m'hiex xi ħaġa ġdida iżda f'dawn l-aħħar snin il-kriminali qed jieħdu iżjed vantaġġ mill-avvanzi teknoloġiċi bħal l-internet u l-global-izazjoni. Dan kollu ser iġib sfidi ġodda għall-Pulizija li jeħtieġ li jibqgħu kontinwament aġġornati permezz ta' taħriġ kontinwu u aċċess għall-aħħar teknologija.

Il-Ministru kompla li d-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropeja ser iġib miegħu ħafna benefiċji ta' koperazjoni bejn il-forzi ta' l-ordni tal-pajjiżi msieħba permezz ta' organizazjonijiet bħal Europol u l-Eurojust, li l-għan tat-twaqqif tagħhom kien biex titkabbar il-koperazjoni kontra l-kriminalita' organizzata. Il-Ministru żied li l-ġlieda kontra l-kriminalita' mhix il-ġlieda tal-Pulizija jew tal-Gvern biss iżda hi l-ġlieda tal-Media u ta' kull ċittadin ta' Malta. Filwaqt li l-Pulizija qiegħda u trid tkompli tkun attrezzata ċ-ċittadini jridu jagħtu s-sehem tagħhom billi jżommu kuntatt mal-Pulizija fosthom bis-servizz tal-Police Online li

YOUR ULTIMATE PEACE OF MIND

# datatrak systems ltd










SOLID FOUNDATIONS. YEARS OF RESEARCH.

SIX FIGURE INVESTMENTS AND YEARS OF EXPERTISE...

This is Datatrak Systems Limited. Unique in its market. Providing security systems using the latest state-of-the-art technology for up-to-the-minute management of information, two-way data communication, accurate location of resources, tailor-made exception reporting - offered for 24 hours, 365 days of the year.

Datatrak's clients include major public entities such as the Malta Police Force, a myriad of private commercial companies, a number of boats (both pleasure and fishing crafts), a long list of properties and private motor vehicles. Indeed, Datatrak's overall package of services makes it definitely the ultimate security money can buy!

**Trakbak** *About 8 cars are reported stolen every day! Better be safe then sorry - install a Trakbak system and enjoy discounts on your insurance premiums.*

**Boatrak** *Boatrak keeps track of your movements at from the quay to the open sea. It makes virtually impossible for your boat to get lost or stolen*.*

**Fleetrak** *This system monitors commercial fleets, track their movements all over Malta & Gozo* ensuring your full control on logistics and operations.*

**Alarmtrak** *This system compliments your alarm, ideal for both home & business ensuring complete, tamper proof security using the latest telemetry aplications.**

**datatrak systems works in conjunction with the Malta Police Force*

Visit the company's web site for a more comprehensive view of what this company can do for you at

**www.datatrak.com.mt**

F.26 Mosta Technopark MST 13 Malta Tel: 421050 Fax: 421049 http: //www.datatrak.com.mt e-mail: info@datatrak.com.mt

għadhu kif ġie mniedi biex b'hekk jgħinu fit-trażżin tal-kriminalita'. Il-Ministru ikkonkluda li dawn il-ħatri-et ser ikomplu jgħinu id il-Pulizija kontra l-kriminalita' u appella lil dawn l-uffiċjali biex ikunu dejjem integri fix-xogħol fdat lilhom u jkunu ta' eżempju għall-membri tal-Korp.♦



**AC Paul Debattista**

L-Assistent Kummissarju Paul Debattista daħal fil-Korp fl-1982 fil-grad ta' Kuntistabbli. Fl-1984 hu kien promoss għall-Spettur u fl-1996 hu kien promoss għall-Supretendent .

Bħala Spettur, serva f'diversi branki fosthom il-Forensika u l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji, filwaqt li bħala Supretendent hu kien inkarigat mid-Distrett ta' Tas-Sliema wara mill-iSpecial Branch u din is-sena mill-Ħamrun.

L-Assistent Kummissarju Debattista ġie nkarigat mill-Iskwadra ta' Kontra d-Droga.



**AC Paul Sammut**

L-Assistent Kummissarju Paul Sammut daħal fil-Korp fl-1984 fil-grad ta' Spettur. Fl-1996 hu kien promoss għall-Supretendent.

Bħala Spettur, Sammut serva f'diversi Distretti fosthom Għawdex u B'Bugia kif ukoll fid-D.I.K. u fis-sezzjoni tat-Traffiku. Bħala Supretendent hu kien inkarigat mid-Distretti tal-Mosta, Għawdex, Qormi u din is-sena Birkirkara.

L-Assistent Kummissarju Sammut ġie nkarigat minn Reġjun B.



**Supt. Peter Paul Zammit**

Is-Supretendent Peter Paul Zammit daħal fil-Korp fl-1984 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-2000 serva fil-Prosecutions Unit.

Is-Supretendent Zammit ġie stazzjonat il-Prosecutions Unit.



**Supt. Neville Aquilina**

Is-Supretendent Neville Aquilina daħal fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-2003 serva fil-Money Laundering Unit.

Is-Supretendent Aquilina ġie stazzjonat it-8 Distrett.



**Supt. Neil Harrison**

Is-Supretendent Neil Harrison daħal fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1993 serva fit-taqsima ta' Kontra d-Droga.

Is-Supretendent Harrison ġie stazzjonat l-Iskwadra ta' Kontra d-Droga.



**Supt. Neville Xuereb**

Is-Supretendent Neville Xuereb daħal fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1992 serva fis-Special Branch.

Is-Supretendent Xuereb ġie stazzjonat id-Dipartiment ta' l-Immigrazzjoni.



**Supt. Alexander Gatt**

Is-Supretendent Alexander Gatt daħal fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-2002 serva fil-Faċilita' Korettiva ta' Kordin.

Is-Supretendent Gatt ġie stazzjonat is-C.C.F.



**Supt. Alexandra Mamo**

Is-Supretendent Alexandra Mamo daħlet fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serviet f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1992 serviet fit-Taqsima ta' Kontra l-Frodi.

Is-Supretendent Mamo ġiet stazzjonata l-Iskwadra tar-Reati Ekonomici u l-Iskwadra ta' Kontra l-Vizzji.



**Supt. Edward Mangion**

Is-Supretendent Edward Mangion daħal fil-Korp fl-1990 fil-grad ta' Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1993 serva fl-SAG.

Is-Supretendent Mangion ġie stazzjonat id-Dipartiment tar-Relazzjonijiet Internazzjonali.



**Supt. Pius Pisani**

Is-Supretendent Pius Pisani daħal fil-Korp fl-1964 bħala Kuntistabbli. Fl-1989 Pisani nħatar bħala Spettur u serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1993 serva fid-Distrett tal-Mosta.

Is-Supretendent Pisani ġie stazzjonat l-Akkademja tal-Pulizija.



**Supt. Paul Camilleri**

Is-Supretendent Paul Camilleri daħal fil-Korp fl-1970 bħala Kuntistabbli. Fl-1978 Camilleri laħaq Surġent u fl-1989 bħala Spettur. Hu serva f'diversi sezzjonijiet tal-Korp fejn mill-1993 serva fid-Distrett tal-Belt.

Is-Supretendent Camilleri ġie stazzjonat l-10 Distrett.



5% SKONT GHALL-MEMBRI
TAL-MALTA POLICE ASSOCIATION
'The Shop' ta' Abattoir Square, Marsa, għandhom pjacir iħabbru li qed joffru skont ta' 5% lil-membri kollha tal-Malta Police Association, fuq ix-xiri kollhu li isir mingħand il-ħanut tagħhom.
WHOLESALE OF FROZEN GOODS
The Shop
Borg Cold Stores, Abattoir Square, Marsa.
Tel: 2122 6701/4. Sales: 2122 6982. Fax: 2123 1284.
5% SKONT GHALL-MEMBRI KOLLHA
TAL-MALTA POLICE ASSOCIATION
5%
The Shop
Borg Cold Stores, Abattoir Square, Marsa.
Tel: 2122 6701/4. Sales: 2122 6982. Fax: 2123 1284.




ZEPPI'S
HONEY LIQUEUR
Cheers!
ZEPPI'S
Maltese liqueurs
Master Distributors Limited, Oratory Street, Naxxar. Tel: 21 412391. www.masterdistributors.info



Wpc 255 Roberta Fenech
CMRU

# Intervista ma' Anthony Zarb-Dimech

**Awtur tal-ktieb *Mobilisation in Action - A History in Civil Defence, Malta: 1940-1943***

Anthony Zarb-Dimech għandu 44 sena u jaħdem fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni. Huwa gradwat fil-Management ugħandu wkoll M.Sc. Wieħed mill-passatempi tiegħu huwa li jġemma' affarijiet relatati mal-gwerra u jinteressa ruħu f'dak kollu li għandu x'jaqsam ma' esperjenzi ta' żmien il-gwerra.

Is-Sur Zarb-Dimech qalilna li dejjem kien interressat li jikteb fuq is-suġġett tal-gwerra anki peress li l-familjari tiegħu għaddew minn dawn it-traġedji umani. L-ewwel ktieb li kiteb is-Sur Zarb-Dimech fuq dan is-suġġett kien '*Taking Cover - A History of Air-Raid Shelters: Malta 1940-1943*', fil-waqt li t-tieni ktieb u li fuqu tkellem is-Sur Zarb-Dimech jismu '*Mobilisation in Action - A History in Civil Defence, Malta: 1940-1943*'. Il-ħtieġa li jikteb dan il-ktieb ġiet mir-rakkonti tal-familjari tiegħu, li dejjem irrakkuntawlu dwar l-esperjenzi tagħhom fit-Tieni Gwerra Dinjija u li fid-dar fejn huma joqogħdu hemm bokka li tagħti għal xelter ta' żmien il-gwerra. Fuq inizjattiva ta' l-awtur innifsu dan ix-xelter issa tnaddaf u rega' infetaħ. Is-Sur Zarb-Dimech kompla jagħmel riċerka fuq ix-xelters u b'hekk bdiet l-idea li jikteb dawn il-kotba.

F'dan it-tieni ktieb is-Sur Zarb-Dimech għamel intervisti ma' diversi nies fosthom ma' ex-membru ta' l-ARP (*Air Raid Precautions*) u ex-membru ta' l-*Anti-Aircraft Regiment*. Minn dawn l-intervisti ħarġu esperjenzi personali nteressanti fosthom, per eżempju, meta l-ex-membru ta' l-ARP irrakonta meta kien l-*butler* ta' Louis Albanese Demajo li kien is-superjur tiegħu fl-ARP u esperjenzi oħra bħal meta attakkaw l-Port il-Kbir u hu u l-kollega tiegħu ħelsuha ħafif. F'intervista li għamel l-awtur ma' persuna oħra ħareġ rakkont ta' traġedja f'xelter meta kienu mietu diversi nies, kemm nies ċivili kif ukoll *servicemen*. Din l-istorja kienet qamet riċentament fil-gazzetti u kien inqala' battibekk fuq jekk kienx veru jew le li intużaw xi kimiċi biex dawk li kien maqbudin fix-xelter taħt id-*debris* ma jkomplux isofru dik is-sofferenza.

Fil-ktieb tiegħu s-Sur Zarb-Dimech isemmi wkoll f'diversi kapitli l-irwol ta' ċertu organizazzjonijiet u dipartimenti bħal dawk tax-xogħolijiet pubbliċi, edukazzjoni, saħħa u l-Knisja biex għenu u kkordinaw ma' dipartimenti oħra għad-difiza taċ-ċittadin f'dawk iż-żminijiet ta' gwerra. L-awtur iddedika wkoll kapitlu ghax-xogħol siewi li l-Pulizija kienet tagħmel f'dak iż-żminijiet diffiċli. L-awtur saħaq li d-difiza taċ-ċittadin ma kinitx il-Pulizija, l-ARP jew ir-*Rationing* biss imma kienet il-ko-ordinazzjoni ta' kulħadd flimkien biex izommu l-moral għoli tal-popolazzjoni, jitimagħu lin-nies u anki jzommuhom allegri. Huwa żied li x-xogħol tad-difiza taċ-ċittadin m'għandniex naħsbu fih biss bħala li jinvolvi xi armi jew xi apparat li se jiddefendik minn xi attakk imma li żżomm l-morali għoli tan-nies huwa parti sostanzjali mid-difiza taċ-ċittadin.

L-awtur ikkonkluda billi qalilna li aktar nies għandhom jinterressaw ruħhom fiż-żminijiet u l-esperjenzi tal-gwerra. Huwa qalilna wkoll li bi ħsiebu jikteb it-tielet ktieb dwar dan is-suġġett.

Is-Sur Zarb-Dimech ta donazzjoni ta' ammont ta' kotba lil-Korp tal-Pulizija għall-użu tal-membri tal-Korp.♦

# IF WE HAD IT OUR WAY THE WHOLE WORLD WOULD BE...





**spotless!**

At Bad Boy Cleaners, we go to great lengths to make everything and anything spick, span and sparkly clean. So if your home, office or commercial space needs a good going over, or you've got a post-party disaster area on your hands, you know who to call. With over 34 years of cleaning experience behind us, you're guaranteed a hassle free & professional service, so call now on 21346854/5 for more details.

**BADBOY**

**CLEANING SERVICES**

www.badboycleaners.com



# International Police Association



Ex Inspector Dione Bugeja

***Dear IPA Colleagues***

On behalf of the editorial board I would like to apologise with you for not seeing our article on the September issue, although this was passed on to the publishers and for some reason it was not included. Mistakes do happen and life must go on. Nevertheless we are pleased that the issue of Il-Pulizija is now being published more stylish. On behalf of the Executive Committee we wish the editorial board all the success and to continue on these lines.

Soon we will be saying, 'Ghaddit sena ohra' (another year has gone by) and at such a time although we must always look ahead, one should give a glance to see what has taken place and what can be improved. As regards membership we have managed slightly to increase the number, however this is not enough when one compares the total strength of the force. On the other hand we do not intend to introduce or do anything that might force anyone to join unless he really wants to, because IPA is a free association and one only joins if he is convinced that he can serve for friendship.

**Prospective members**: Members of the police force and retired colleagues who wish to know more about our Association or who want to join are kindly invited to call at the IPA office at PHQ and speak to Joseph Mamo.

During this year a number of IPA friends visited our island and upon their request we assisted them as required. On the other hand a number of our members went abroad and were also assisted after having submitted the 'travelling form' giving information about their itinerary and what was desired. What pleases us after such visits is that on their return back home, most of our members call us and apart from talking about their experience they also offer their help and assistance towards foreign colleagues when these visit our island. This is good and we sincerely hope that this extended friendship towards other IPA friends continues. As we always say this is what IPA is all about.

**IPA e-News:** From a number of good comments received both locally and from our foreign friends, it is evident that once again our IPA e-News was successful, carried interesting short and informative articles and has reached our members continuously every end of the month. Again the number of e-mail addresses have increased, however there are still members who can be reached but their address is not registered with us. From this page we are asking all our members who have an e-mail address to pass it on to any member of the committee, so that we can also include them into our IT system. For those who do not work on the IT they can still obtain a copy of our e-News from the IPA office at PHQ.

**Newly affiliated IPA section**: Congratulations to newly IPA Section Croatia who was unanimously welcomed into the IPA family on the last day of the Congress. They have already provided a good record of achievement with 3,500 members in 12 Regions and hold very successful IPA events. On behalf of our Section we wish them continued success.

**'IPA Malta' number plates holder:** During a recent meeting of the Executive Committee a proposal to produce vehicles number plates holders with the letters 'IPA Malta' was approved and the National Treasurer was given the go ahead to make up the order and offer these holders for sale to members. This is an original idea of the local section, and those interested can acquire a set from the IPA office at the cost of Lm2 per holder.




**Short article competition**: Due to the outstanding quality of the previous competition, the International Cultural Commission announced that another is being launched. The theme for the Competition will remain the same - The short article must be on a police or IPA related subject and be between 1000 and 1500 words.

Entries must be received at the IAC before 1 March 2004. The winning essay will be announced at the 32nd IEC in the Czech Republic.

**Arthur Troop Scholarship: 1. Justification**
It is a known fact that there are a number of young Sections in the I.P.A. family including young Sections where the standard of living is still improving. Members of the I.P.A. in some of those Sections do not enjoy the working conditions, facilities or the type of police training taken for granted by our members in the more mature Sections of our Association.

We acknowledge that we have in these young Sections, young, bright IPA members who can bring our Association and their respective Sections forward into a challenging and rewarding future and it beholds this Association to provide every help and assistance to these members.

We have carefully considered what our Founder, Arthur Troop would have suggested and believe that he would have advised, that in order to support professional education and to complement this advanced profession-

***Rules of Entry***

1. The name of the competition is "International Police Association - Short Article Competition" and shall be open to any IPA member.
2. The written article must be on a police or IPA related subject and be between 1000 and 1500 words. The submission must be typed and provided in data format on disk. Where a reference is made to a published work that must be acknowledged by footnote.
3. The article may be written in any of the IPA official languages of English, French, German or Spanish.
4. Each entry must be submitted under a pen name, which is to appear on the top of the first page of the article; on the outside of the disk; and on the outside of the sealed envelope. The author's details and Section must NOT be shown on the written article.
5. Entries to the competition must be submitted through the entrant's National Secretary General to the IAC. All entries must be received at the IAC by 01 March 2004. The winner will be announced at the 32nd IEC meeting in the Czech Republic, September 2004.
6. Sections are required to review the articles submitted by their respective members. The best articles, if worthy of further submission, shall be forwarded to the IAC for entry in the competition.
7. The PEB, in co-operation with the ICC, will appoint a panel to review the written articles submitted and identify the winner. The Panel's decision shall be final.
8. The winning article will be published and distributed within the Association and, where appropriate, circulated to educational establishments and other interested bodies.
9. The winner of the Competition will be awarded a prize of 1000 CHF. The second and third place articles will be awarded a Certificate of Merit. Articles deemed suitable for formal recognition may be provided to all Sections for publication in their Newsletters and may be placed on the IAC Website.




*An encounter in style and comfort… the perfect location for your next business meeting, incentive programme or banqueting event.*







*For assistance please call 2152 5900* **www.riviera.com.mt** *Marfa, L/o Mellieha, Malta*




**the PEUGEOT 206 SW helps you make the most out of it**

If you're looking for a stylish car with a sporty feel and added flexibility of use at an affordable price, then the **Peugeot 206 SW** is for you. The NEW 206 SW is so practical that you could drive it to work, get your kids to school or enjoy time out with the family, all in the same day.

It's packed with well-thought features that make life easier. To mention one - the tailgate rear window can be opened with the remote control and access the boot easily. There is ample space in the boot, you can pack the kid's bike or shopping bags with ease.

**Try out the NEW 206 SW at Michael Attard Ltd.**
**National Road, Blata l-Bajda. tel:21238854**
**or Psaila Street, St.Venera**
**tel:21449312**
**www.peugeot.com.mt**

PEUGEOT
Engineered, to be enjoyed

al training, special focus should be made on supporting young and active IPA members whose Sections do not have the resources to fund or develop their own scholarships. He would also have pointed out that the IPA benefits all ranks and especially the serving/operational police officer, as opposed to the "high flyer" with ambitions of reaching the top ranks, members who are already being supported by their own departments.
This is why we have suggested granting five Arthur Troop Scholarships, annually, one for each continent in which we have member Sections, i.e. Africa, America, Australasia, Asia and Europe.

Since we may have difficulties in supporting IPA members attending academic training courses in Police colleges / Police facilities, such as the Police Staff College at Bramshill, the FBI Academy in Quantico, Virginia or the Police Management Academy in Muenster/Hiltrup (as these institutions do not normally deal with NGO's and require a certain rank or education to become eligible for their seminars) we may be able to place selected scholars at seminars at Gimborn, where they will have the opportunity to attend and hear from high class lecturers on subjects relevant to their policing career.

Alterations as well, could include:
- IPA Irish Section, Region 6 together with the British Section's, Region 2 (Northern Ireland) that hold annual conferences with high-class speakers.
- Certain American training schools that hold specialized seminars, inviting interested police officer on specialized topics.
- In addition we see an opportunity to combine such a seminar with a one week internship with a police service close to the location of the seminar

We feel that this is what Arthur Troop would have had in mind, to support serving/practical police officers, who otherwise would not have the chance to get in touch with top-level speakers.

**The New PEB:** We have the pleasure to inform you that the new Permanent Executive Bureau, the governing body of our association, elected in May, is made up of the follows members: -
**President** re confirmed again,
Michael Odysseos, Cyprus
**1st Vice President,**
Friedrich Schwindt from Germany
**2nd Vice President**
Daniel Condaminas from France
**3rd Vice President,**
Basie Smit from South Africa
**International Secretary General**
John Waumsley
**Ass. Intern. Secretary**
Ioannis Panoussis from Greece
**International Treasurer**
Pierre-Martin Moulin, Switzerland
**Ass. Intern. Treasurer**
Miny Romain from Luxembourg

**Who is the International President?** Michael Odysseos comes from Cyprus, married and is the father of three adult daughters. He is a graduate of an English High School and studied Police Management at the Police Staff College Bramshill UK. Before retiring from the Cyprus Police force he was the Deputy Chief, Director of the Cyprus Police Academy and advisor to the Minister of Justice and Public Order on police matters.
In 1982 he was the founder of IPA Cyprus and President of the Section since 1988. He was elected Internal Auditor within the PEB between 1988 and 1994, and 2nd Inter. Vice President between 1994 and 2000. In the year 2000 he was elected President of the PEB a position which was reconfirmed this month up to 2006.

On behalf of the Executive Committee and members we congratulate Michael and all the members of the PEB and wish them success in their work. (PEB photo attached, the President is the third from the left).

**Message from the International President.**
Following his re election to president, Michael Odysseus expressed his gratitude and thanks to all the delegates for entrusting him with the leadership and to carry out our IPA mission for the next three years. All the PEB members have made a promise to work hard to meet the needs of all members in directing the future of our worldwide organisation in respect of the goals of IPA. He felt honoured for being re-elected although he is aware of the tasks he has to undertake to fulfil and those that will be encountered along the way. However he is confident that with a good organisation, planning, hard work and collaboration with the PEB, the International Commissions and the National Boards of the Sections, the targets will certainly be reached and success achieved.

All PEB elected members are aware that from the time they have been elected on the PEB, they cease to represent their own National Section as now they are committed to the international interest and all the sections.

The priorities for these three years are:
- To enhance the Association status within the UN from Consultative to General Consultative status.
- To promote further the ideals of IPA especially in countries of the Far East, Arab states, Africa and Latin America.
- Further support to IBZ Gimborn.
- High transparency.
- To increase efficiency and cost reduction.
- Support to the police to enhance its image by getting the police closer to the community.

**Results of the flood appeal in central & Eastern Europe:**
The appeal last September, resulted in 23,056.38CHF being sent to the IPA Emergency Aid Account. This was divided between the affected Sections - Austria, Germany and the Czech Republic. It was also acknowledged that some sections sent donations direct. Additionally, Luxembourg delivered a fully laden truck of toys which were distributed to the children who suffered because of the floods.

Michael Odysseos, Chairman of the International Social Commission, requested that more National Sections consider the setting up of an Emergency Aid Fund, to enable a quicker response when an appeal is launched.

In early May the earthquake suffered in Turkey did not directly affect any IPA member and IPA assistance was not required. With regards to the earthquake in Argentina a letter of sympathy has been sent to the local section. Currently, it has not been ascertained whether or not there were any IPA victims.

**Valid IPA Membership Card.**
Does your IPA ID card have all the membership yearly stamps attached to it?
If this is not the case you are kindly invited to call at the IPA office at PHQ and renew your membership.

**Christmas IPA token.** After a meeting of the Executive Committee, it was decided that once again, during the Christmas period a draw would take place from among those members who by the 15th December would have renewed their membership. The winner will receive an IPA token.

I am pleased to inform you that 2004 stamps have been received and membership for next year can now be renewed as well.

**Season Greetings:** Dear members on behalf of the National Executive Committee we wish you and your families a very Happy Christmas and Prosperous New Year 2004.

**Auguri**
Servo Per Amikeco





Ex PC1246 Anthony Grech



Ex PS15 Cataldo Attard



Ex PC 88 Joseph Buttigieg



Ex PC 975 Elia Vella



Ex SM 572 Carmel Camilleri



Ex PS190 Saviour Campbell



Ex PS 921 Paul Zammit



Ex PC 315 Costantino Mallia

*O' Mulej*
*Agħtihom il-mistrieħ*
*ta' dejjem,*
*id-dawl ta' dejjem*
*jiddi fuqhom,*
*jistrieħu fis-sliem,*
*Amen*



Superintendent John Saliba



Ex PC 1033 John Darmanin



Ex PC 167 John Galea



Ex PC 562 Marcel Vella



Ex PS 837 Joseph Grioli
(serving member)



Ex PS 196 Alfred Cristina
(serving member)



Ex PS 11 Carmel Cossai
(Australia)



Ex RSM 159 Paul Grech
(Australia)

## Hourly Account

70hrs @ Lm10
175hrs @ Lm20
400hrs @ Lm40

## Unlimited Account

30days @ Lm7.50
90days @ Lm20
365days @ Lm65

## ADSL Connection

128k @ Lm14 monthly
512k @ Lm19 monthly
512k @ Lm26 monthly (BUSINESS)

# Melitanet ISP

Melitanet wishes to inform all users that they could pay their subscription from any of the below branches

**Sliema**
Tower Road (Magic Kiosk)

**Fgura**
Zabbar Road (Next to Beta Centre)

**M'Skala**
Mifsud Bonnici Square (Marina)

**Valletta**
28, Melita Street

**Paceville**
Ball Street ( Business Centre)

All branches are equipped with the latest technology for Internet Cafes, Call Centres & Primatel re-sellers.

primatel
CALLING CARD

Low Cost VOIP International Calling Cards
NOW available in all leading Stationers & Post offices

**CUSTOMER SUPPORT**
24hrs/7days a week.
**21 319694 - 21 319686**

Melitanet is offering this wide range of internet service to all users.

For further information visit our website ➡ www.melita.net • www. primatel.com.mt

# RING BACK

## Save time redialling busy numbers

FREE OF CHARGE

## When you find a BUSY NUMBER...

press **R 5 #** before you put down the handset

*and let* MALTACOM *connect you*




The Ring Back service makes it simpler for you to complete calls to a busy line.

With Ring Back you do not have to remember to redial a busy number over and over again until it becomes available, as it will be automatically redialled for you.

**Readily available on your phone line -**
***JUST USE IT!***

**More information - Freecall 150**

another star service

MALTACOM

www.maltacom.com